Vol 35
Nru 184
April - Ġunju 2014

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

# Werrej



6



16



26

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2014

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Tgħannieqa tal-Papa
mal-Patrijarka Bartolomeo*



30


6 Il-Papa Franġisku fl-Art Imqaddsa

16 Storja tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa
Il-Franġiskani fil-Qabar
tal-Verġni Marija u f'Betleħem

26 "Tu es Petrus et super hanc petram aedificabo
aecclesiam meam"
San Pietru Sajjied, Appostlu u Papa
Lejn il-Ġublew tal-1950 sena mill-Martirju tiegħu

30 Id-Differenza li għamlet il-mewt ta' Ġesù

34 Ir-Referenzi Bibliċi
fl-Enċiklika "Lumen Fidei" (3)

41 Il-Kelma ta' Alla fil-Kelma ta' Alla




34

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## Il-Franġiskani tal-Kustodja huma Bravi!

Waqt l-udjenza ġenerali li ta fil-Vatikan nhar l-Erbgħa 28 ta' Mejju, malli reġa' lura mill-pellegrinaġġ tiegħu fl-Art Imqaddsa, l-Papa Franġisku beda jirringrazzja lil dawk kollha li għamlu dan il-vjaġġ possibbli. Hu qal: "Nixtieq inġedded ir-rikonoxxenza kordjali tiegħi lill-Beatitudni Tiegħu l-Patrijarka (Latin ta' Ġerusalemm) Fouad Twal, lill-Isqfijiet tad-diversi Riti, lis-Saċerdoti, lill-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa." F'dak il-mument, fi stil tipiku u oriġinali tiegħu, l-Papa refa' ħarstu mill-karti li minnhom kien qiegħed jaqra, u qal dawn il-kelmiet spontanji: "Dawn il-Franġiskani huma bravi! Ix-xogħol li jagħmlu hu mill-isbaħ, dak kollu li huma jwettqu!"

Kliem li jimla bil-kuraġġ u l-ferħ lill-Franġiskani kollha li jgħixu fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Il-fatt li l-Papa ħareġ b'kumment hekk spontanju favorihom hu sinjal li baqa' milqut mill-merħba li huma tawh matul il-pellegrinaġġ tiegħu. Ir-rwol tal-Kustodja fl-organizzazzjoni tal-pellegrinaġġ papali kien wieħed ċentrali. Il-Kustodju, Patri Pierbattista Pizzaballa, kien dejjem qrib il-Papa f'diversi mumenti, u speċjalment fiż-żjarat li l-Papa għamel fil-Qabar ta' Kristu waqt iċ-ċelebrazzjoni ekumenika mal-Patrijarka Bartolomeo ta' Kostantinopli, u fiċ-Ċenaklu, fejn fi tmiem il-Quddiesa l-Kustodju għamel diskors ta' merħba li fih wera l-impenn tal-Franġiskani matul is-sekli biex iħarsu dan il-post qaddis li fih tant sofrew u li għadhom jitħabtu biex jerġgħu jiksbuh lura f'isem il-Knisja





*...editorjal*

*Il-Franġiskani tal-Kustodja huma Bravi!*

Kattolika. Il-Kustodju kien ukoll qrib il-Papa f'mumenti importanti ta' laqgħat mal-President ta' Israel u mal-Prim Ministru Benjamin Netanyahu, u ta' spiss ġie mitlub biex jagħmel traduzzjoni simultanja mil-Lhudi għat-Taljan biex il-Papa jkun jista' jiddjaloga ma' personalitajiet Lhud.

Patri ieħor li deher ta' spiss fil-vjaġġ papali, ħafna drabi maġenb il-Papa anke fil-"pope mobile", kien Patri Silvio Rogelio De La Fuente, membru tal-Kustodju tal-Art Imqaddsa, li hu attwalment Viċi-Ekonomu Ġenerali tal-Ordni Franġiskan f'Ruma. Waqt il-kummentarji ta' TV 2000 Patri Silvio ġie msejjaħ "l-anġlu kustodju tal-Papa" minħabba li kien qrib tiegħu l-ħin kollu għal kull eventwalità u għenu bħala interpretu waqt laqgħat ma' awtoritajiet Għarab fil-Ġordanja u l-Palestina.

Il-preżenza tal-Ministru Ġeneral tal-Ordni Franġiskan, Patri Michael Perry, kienet sinjal tar-rabta intima li teżisti bejn il-Franġiskani u l-persuna tal-Papa, fil-missjoni ta' fedeltà tagħhom lejn il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni u lejn il-preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa, li dwarha l-papiet kollha li żaru l-Art Imqaddsa tkellmu bosta drabi.

Il-kliem tal-Papa kien ċertament okkażjoni li mliet lilna l-Franġiskani li niddedikaw ħajjitna għall-Art Imqaddsa bil-ferħ. Imma m'għandhomx jidhru sempliċement bħala okkażjoni biex niftaħru b'dak li wettaqna u b'dak li qed nagħmlu. Il-missjoni tal-Franġiskani, ukoll dik fl-Art Imqaddsa, biex tkun missjoni awtentika, trid tkun ikkaratterizzata min-nota ta' umiltà u sempliċità li biha San Franġisk qeda lill-Knisja fi żmienu, l-aktar fir-relazzjonijiet tiegħu mal-bnedmin, u saħansitra mal-għedewwa tal-Kristjani ta' żmienu.

Aktar minn qatt qabel illum ukoll din tibqa'

l-missjoni prijoritarja tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Il-Franġiskani li jgħixu fl-Art Imqaddsa huma konxji li jridu jkomplu jaħdmu mhux biss biex iħarsu l-patrimonju ta' fidi nisranija fil-kura tas-Santwarji tal-Fidwa, tal-pellegrini u tal-Insara lokali, imma wkoll fix-xhieda tagħhom ta' paċi u rikonċiljazzjoni f'soċjetà mifruda li fiha jsaltnu l-vjolenza u l-fundamentaliżmu reliġjuż. Il-missjoni tal-Franġiskani, li tinfirex fit-territorju kollu tal-Lvant Nofsani, tkopri wkoll il-preżenza tagħhom f'reġjuni li fihom hemm il-gwerra u tbatija kbira. L-aktar eżempji ċari huma l-preżenza tal-Franġiskani fil-Libanu, u partikolarment fis-Sirja, fejn il-preżenza Kristjana hi mhedda bis-sħiħ mill-fundamentalisti Islamiċi li qed jinqdew bit-taħwid soċjali u politiku biex jintroduċu x-"sharia" Islamika f'pajjiż li minn dejjem kien tolleranti lejn il-minoranzi reliġjużi, inklużi l-Insara.

Iż-żjara ta' Papa Franġisku fil-Ġordanja kellha wkoll dan l-iskop li twassal dan il-messaġġ ta' tama lil eluf ta' Insara li spiċċaw rifuġjati mis-Sirja f'dan il-pajjiż u fil-Libanu. Il-Papa irringrazzja lill-awtoritajiet tal-Ġordanja tas-sens ta' akkoljenza li dan il-pajjiż għandu lejn eluf ta' refuġjati, li uħud minnhom ġejjin mill-bliet u rħula li fihom il-Franġiskani tal-Art Imqaddsa għandhom preżenza fis-Sirja, l-aktar f'Damasku, Aleppo, Lattakia, u l-irħula ta' Knayeh, Yacoubieh u Ghassanieh, fejn il-kunvent tal-Franġiskani nqered mill-integralisti li qatlu anke saċerdot lokali.

Il-kliem tal-Papa jfakkarna fl-impenn ta' xhieda li l-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa minn dejjem taw fil-preżenza missjunarja tagħhom fis-Santwarji tal-Fidwa u fir-reġjun kollu tal-Lvant Nofsani. Il-Kustodja tfakkar il-martri tagħha, bħalma huma San Nikola Tavelić u sħabu, maqtulin f'Ġerusalemm fl-1391, il-Beatu Salvatore Lilli u sħabu, missjunarji fost l-Armeni, maqtulin fiċ-Ċiliċja fl-1895, il-Beatu Emmanuel Ruiz u sħabu, martri fil-kunvent ta' Bab Touma f'Damasku fl-1860. Dawn huma biss uħud mill-patrijiet li, għalkemm ma sofrewx martirju bħalhom, sofrew kull xorta ta' persekuzzjoni biex iħarsu s-Santwarji tal-Fidwa u jiddefendu lill-Insara fl-Art Imqaddsa.

Iż-żjara ta' Papa Franġisku u l-laqgħa ekumenika mal-Patrijarka Bartolomeo ta' Kostantinopli jiftħu opportunità ġdida ta' djalogu bejn il-Knejjes Insara, li qatt ma kien faċli. Il-Franġiskani, matul is-sekli, għexu minkeb ma' minkeb mal-Insara Ortodossi Griegi, Armeni, Kopti, Sirjani, Abbissini, u komunitajiet oħrajn. Sal-1847 il-Franġiskani kienu l-unika preżenza Kattolika fl-Art Imqaddsa. Għalkemm minn dak iż-żmien, bit-twaqqif tal-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm u d-dħul ta' diversi Ordnijiet u Kongregazzjonijiet Reliġjużi, l-preżenza Kattolika fl-Art Imqaddsa xterdet fid-diversità tagħha, il-kliem tal-Papa jibqgħu monument ta' ġieħ għall-mod uniku kif il-Franġiskani taw ix-xhieda tagħhom matul is-sekli. Dak kollu li għamlu għamluh għax ħabbew il-Knisja, għax ħabbew l-Art Imqaddsa u l-Insara li jgħixu fiha, għax ħabbew il-Postijiet Qaddisa li fihom twieldet il-fidi tagħna.

Hi ħidma li trid tkompli. It-triq qatt ma kienet faċli u l-futur se jibqa' iebes. Papa Franġisku dewwaq lilna l-Franġiskani, bi ftit kliem ta' faraġ, kuraġġ ħalli nibqgħu fidili għall-mandat li l-Knisja Kattolika fdatilna meta ħatritna Kustodji tal-Art Imqaddsa.



# IL-PAPA FRANĠISKU FL-ART IMQADDSA

***Noel Muscat ofm***

Fil-jiem 24 – 26 ta' Mejju 2014, Papa Franġisku ġie f'pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa, biex ifakkar il-50 anniversarju mil-laqgħa storika bejn il-Papa Pawlu VI u l-Patrijarka Ekumeniku Athenagoras I ta' Kostantinopli fil-5 ta' Jannar 1967. Kien pellegrinaġġ qasir ta' tlitt ijiem, imma intens fil-laqgħat u ċelebrazzjonijiet li l-Papa wettaq fi tliet pajjiżi differenti, fil-Ġordanja, fil-Palestina u f'Israel.

## Il-Papa fil-Ġordanja

Il-Papa ħalla Ruma filgħodu tas-Sibt 24 ta' Jannar b'titjira mill-ajruport ta' Fiumicino diretta lejn l-ajruport Queen Alia ta' Amman, fil-Ġordanja. Mal-wasla tiegħu ġie milqugħ mir-Re tal-Ġordanja Abdullah II. Minn hemmhekk il-Papa u r-Re baqgħu sejrin lejn il-palazz irjali f'Amman, fejn il-Papa kellu laqgħa kordjali mar-Re u mal-familja tiegħu. Fiż-żjarat kollha tiegħu l-Papa kien akkumpanjat minn segretarju u interpretu personali fil-persuna ta' Patri Silvio Rogelio De La Fuente, Franġiskan tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, li attwalment jinsab fil-Kurja Ġenerali tal-Ordni Franġiskan f'Ruma.

Il-Papa wera l-apprezzament tiegħu lejn ir-Re u l-gvern tal-Ġordanja għall-atmosfera ta' tolleranza reliġjuża li teżisti f'dan il-pajjiż b'maġġoranza Musulmana, fejn l-Insara huma rrispettati u fejn hemm libertà ta' kult u kura tal-fdalijiet arkeoloġiċi antiki Kristjani tal-era Biżantina.

Mill-palazz irjali l-Papa baqa' sejjer lejn l-iStadium ta' Amman, fejn fl-4 pm iċċelebra Quddiesa quddiem 30 elf parteċipant, bil-preżenza ta' diversi kardinali u isqfijiet, fosthom il-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm Fouad Twal, li l-Insara Kattoliċi tal-Ġordanja jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu.

Wara l-Quddiesa l-korteo papali baqa' sejjer lejn ix-xatt tax-xmara Ġordan fis-sit arkeoloġiku li jfakkar il-post tal-Magħmudija ta' Ġesù f'Betanja 'l hemm mill-Ġordan, magħruf bħala el-Makhtas. Dan, fil-fatt, hu l-post oriġinali tal-Magħmudija, li seħħet fuq ix-xaqliba tal-lvant tax-xmara Ġordan skont Ġwanni 1,28. F'dan il-post l-awtoritajiet Ġordani taw permess lil diversi Knejjes Insara biex jibnu knejjes u monasteri, fejn eluf ta' pellegrini u viżitaturi jaslu ta' kuljum biex jitolbu u jmissu b'idejhom ix-xmara qaddisa li fiha niżel Ġesù. Il-Papa waqaf għal ftit mumenti ta' skiet ħdejn l-ilma, f'atteġġjament ta' talb u



*Il-Papa mal-wasla tiegħu fil-Ġordanja*



Il-Papa fl-Istadium ta' Amman



*Il-Papa max-Xmara Ġordan*

riflessjoni. Wara hu ġie akkumpanjat personalment mir-Re Abdullah lejn il-post fejn qed tinbena l-knisja Kattolika tal-Patrijarkat Latin ftit bogħod mix-xmara. F'dan il-post il-Papa kellu laqgħa speċjali mar-rifuġjati u ma' persuni b'diżabilità. Fil-waqfa tiegħu fil-Ġordanja l-Papa Franġisku irringrazzja lill-awtorijiet u lill-poplu tal-Ġordanja tas-sens ta' merħba ta' eluf ta' rifuġjati, l-aktar mill-gwerer tal-Iraq u tas-Sirja.

B'dan il-ġest ta' karità l-Papa Franġisku temm l-ewwel jum tal-pellegrinaġġ tiegħu fl-Art Imqaddsa. Ma ninsewx li l-Ġordanja tagħmel ukoll parti mill-Art Imqaddsa, għax fiha wieħed isib diversi tifkiriet u siti bibliċi. Fil-Ġordanja l-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa għandhom Kulleġġ f'Amman u speċjalment il-kunvent u s-santwarju ta' San Mosè fuq il-Muntanja Nebo. Dan il-post, li fih diversi fdalijiet arkeoloġiċi

Biżantini ta' monasteri u knejjes, u minn fejn sa mill-1933 il-Franġiskani jmexxu kampanji ta' skavi f'siti Kristjani fil-Ġordanja, ma kienx possibbli li l-Papa jżuru din id-darba, għalkemm kienu żaruh il-Papa San Ġwanni Pawlu II fis-sena 2000 u l-Papa Benedittu XVI fl-2009. Il-Franġiskani issa se jinawguraw il-knisja ġdida li tkopri l-fdalijiet tal-knisja Biżantina tas-seklu 4 li dwarha titkellem il-pellegrina Egeria.

## Il-Papa fil-Palestina

Nhar il-Ħadd 25 ta' Mejju, fit-8.30 am il-Papa telaq bil-ħelikopter mill-ajruport Queen Alia ta' Amman dirett lejn Betleħem, fejn wasal fid-9.20 am. Għall-ewwel darba fi żjara papali, il-Papa ma daħalx fil-Palestina, li tagħha Betleħem hi parti, billi għadda minn Israel, imma ġie direttament mill-Ġordanja. Barra mill-prattiċità ta' dan il-vjaġġ, bosta ikkumentaw dan il-ġest bħala rikonoxximent impliċitu, min-naħa tal-Vatikan, tar-rieda tal-Palestinjani li jiddikjaraw l-iStat sovran tagħhom. Il-Papa ġie milqugħ mill-President tal-Palestina Mahmoud Abbas, u mbagħad baqa' sejjer dritt lejn il-palazz presidenzjali għad-diskorsi ta' merħba formali u għal-laqgħa mal-gvern tal-Awtorità Palestinjana.

Wara l-laqgħa mal-mexxejja politiċi tal-Palestina, il-Papa mar lejn il-Pjazza tal-Maxtura quddiem il-Bażilika tan-Nativitā f'Betleħem, fejn fil-11 am iċċelebra l-Quddiesa quddiem eluf ta' Insara li ġew minn diversi partijiet. Din id-darba l-Papa ma setax imur fil-Galilija, u għalhekk ħafna Insara mill-Galilija, fejn tgħix il-maġġoranza tal-Insara, niżlu vjaġġ ta' tliet sigħat u fuqhom lejn Betleħem biex ikunu jistgħu jassistu għall-Quddiesa u jaraw il-Papa. Kien hemm preżenti wkoll rappreżentanza żgħira ta' Insara minn Gaza, li tħallew joħorġu mill-awtoritajiet militari Israeljani biex jiġu għall-Quddiesa.

Wara l-Quddiesa l-Papa baqa' sejjer lejn Casa Nova, qrib il-kunvent tal-Franġiskani f'Betleħem, fejn waqaf jiekol flimkien mal-komunità Franġiskana u ma' familji oħrajn mill-Palestina. Kien mument ta' ferħ kbir għal dawk kollha li kellhom ix-xorti jaraw lill-Papa mill-qrib u jsellmulu, speċjalment il-Franġiskani li nġabru flimkien fil-knisja parrokkjali ta' Santa Katerina "ad Nativitatem" biex jieħdu ritratt ta'tifkira mal-Papa. Wara l-ikel il-Papa niżel jitlob fis-skiet fil-Grotta tan-Nativitā quddiem il-post tat-twelid tal-Mulej Ġesù u l-post tal-Maxtura.

Fit-3.20 pm Papa Franġisku mar fil-Phoenix Centre tal-Kamp tar-Rifuġjati ta' Deheisheh, fejn kellu laqgħa sempliċi mit-tfal Palestinjani li jgħixu fil-kampijiet tar-rifuġjati ta' Betleħem, partikularment

*Il-Papa mal-ħajt tas-separazzjoni*





*Il-Papa jbus il-Blata tal-Unzjoni*

f'Deheisheh, Aida u Beit Jibrin. Wara din il-laqgħa l-Papa reġa' lura lejn il-ħelikopter, fejn sellimlu l-President Mahmoud Abbas. F'ġest spontanju u profetiku, tipiku ta' Papa Franġisku, il-korteo papali waqaf quddiem il-ħajt ta' sigurtà li jifred il-Palestina minn Israel. Il-Papa niżel mill-karozza u għal ftit minuti waqaf imiss b'idejh il-ħajt imponenti tal-konkrit u talab fis-skiet għad-don tal-paċi u għall-jum li fih jaqgħu l-firdiet kollha bejn il-popli li jgħixu fl-Art Imqaddsa. Fl-4 pm il-ħelikopter tar minn Betleħem u ħareġ mill-Palestina biex iwassal lill-Papa fl-ajruport internazzjonali ta' Ben Gurion f'Israel.

## Il-Papa f'Israel u f'Ġerusalemm

Fl-4.30 pm il-ħelikopter niżel fl-ajruport ta' Ben Gurion, fejn il-Papa sab jilqgħuh l-ogħla awtoritajiet tal-iStat ta' Israel, fosthom il-President Shimon Perez u l-Prim Ministru Benjamin Netanyahu, flimkien mal-kapijiet reliġjużi tad-diversi Knejjes Insara. Il-Papa sellem lill-President u lill-Prim Ministru Israeljan, u spjega l-iskop taż-żjara tiegħu fl-Art Imqaddsa, biex ifakkar il-laqgħa ekumenika ta' 50 sena ilu u biex jagħmel pellegrinaġġ fuq il-Postijiet Qaddisa.

Malli spiċċaw il-formalitajiet tal-merħba tal-Papa, dan reġa' tela' fil-ħelikopter li wasslu Ġerusalemm, fejn niżel fuq Mount Scopus, l-għolja li tiddomina l-belt ta' Ġerusalemm maġenb l-Għolja taż-Żebbuġ. Il-fatt li l-Papa daħal fl-ajruport qabel wasal Ġerusalemm kien importanti biex b'hekk il-Papa jiġi milqugħ b'mod uffiċjali fl-iStat ta' Israel, b'sens ta' rikonoxximent għad-dritt ta' Israel li jeżisti bħala Stat indipendenti bi fruntieri żguri kif imfassla mill-komunità internazzjonali. Lill-President u Prim Ministru fakkarhom kif il-Vatikan ilu 20 sena li bena relazzjonijiet diplomatiċi tal-ogħla livell ma' Israel.

Mill-Mount Scopus il-korteo papali baqa' sejjer ftit bogħod fin-niżla tal-Għolja taż-Żebbuġ, fis-sede tad-Delegazzjoni Apostolika Vatikana f'Ġerusalemm. Hemmhekk, fejn hemm ukoll ir-residenza tad-Delegat Apostoliku għal Ġerusalemm u l-Palestina u Nunzju għal Israel Monsinjur Giuseppe Lazzarotto, Papa Franġisku kellu laqgħa inizjali mal-Patrijarka Ekumeniku ta' Kostantinopli Bartolomeo. L-istess ġest kien għamlu Pawlu VI 50 sena ilu mal-

Patrijarka Athenagoras I. Waqt din iċ-ċerimonja ż-żewġ kapijiet reliġjużi, suċċessuri tal-Appostli Pietru u Andrija, iffirmaw dikjarazzjoni komuni dwar il-frott tad-djalogu ekumeniku li seħħ f'dan l-aħħar nofs seklu bejn il-Knisja Kattolika u l-Knisja Griega Ortodossa.

B'siegħa tard fil-programm, fit-8 pm, Papa Franġisku wasal fil-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm għall-quċċata tal-pellegrinaġġ tiegħu, jiġifieri l-laqgħa ekumenika fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Din kienet ġrajja unika li seħħet għall-ewwel darba fl-istorja.

Għad-daqq itarrax tal-qanpiena l-kbira tal-kampnar tal-Griegi Ortodossi, Papa Franġisku, akkumpanjat mill-Kustodju tal-Art Imqaddsa, Patri Pierbattista Pizzaballa, u l-Patrijarka Bartolomeo, akkumpanjat mill-Patrijarka Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm, Theophilos III, iltaqgħu u taw lil xulxin it-tgħannieqa tal-paċi quddiem il-bitħa tal-faċċata tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Minn hemm huma daħlu flimkien fil-Bażilika, fejn ġew milqugħin fil-bieb mit-tliet superjuri tal-komunitajiet li juffiċjaw il-Bażilika, il-Griegi Ortodossi, il-Franġiskani, u l-Armeni Ortodossi. Flimkien imbagħad daħlu fil-Bażilika u waqfu għal ftit mumenti ta' talb għarkupptejhom quddiem il-Blata tal-Unzjoni. Imbagħad ġew akkumpanjati għall-podium li tlesta apposta quddiem l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu, fejn kellha ssir iċ-ċelebrazzjoni ekumenika.

Il-laqgħa ekumenika kienet waħda sempliċi imma sinifikattiva. Kien hemm żewġ korijiet, wieħed Grieg u l-ieħor Latin, tal-Franġiskani, li kantaw innijiet liturġiċi mil-liturġija Biżantina u minn dik Rumana. Iċ-ċelebrazzjoni bdiet b'tislima mill-Patrijarka Theophilos III f'isem il-kapijiet reliġjużi tal-Knejjes Insara li huma preżenti fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Wara żewġ djakni, wieħed Grieg u l-ieħor Franġiskan, kantaw il-Vanġelu tar-Risurrezzjoni minn evanġeljarji li kienu tqiegħdu fuq il-Qabar ta' Kristu. Saru diskorsi mill-Patrijarka Ekumeniku


*Il-Papa mal-Kustodju*



*Il-Papa jqiegħed it-talba tal-Missierna fil-ħajt tal-Punent*

Bartolomeo u minn Papa Franġisku, li mbagħad talbu flimkien il-Missierna bit-Taljan u taw lil xulxin il-bewsa tal-paċi. Fl-aħħar nett il-Papa u l-Patrijarka Ekumeniku daħlu flimkien biex jitolbu fis-skiet fil-Qabar ta' Kristu. Minn hemm huma ġew akkumpanjati mill-kapijiet reliġjużi lejn il-Kalvarju fejn waqfu għal ftit mumenti ta' talb quddiem il-Blata tal-Golgota, qabel ma ħarġu mill-Bażilika biex marru flimkien fil-Patrijarkat Latin għaċ-ċena.

It-Tnejn 26 ta' Mejju kien l-aħħar jum tal-pellegrinaġġ ta' Papa Franġisku fl-Art Imqaddsa. Bħal kull vjaġġ papali ieħor anke dan ta' Papa Franġisku kellu l-iskop li jkompli d-djalogu inter-reliġjuż tal-Kristjani maż-żewġ reliġjonijiet prinċipali tal-Art Imqaddsa, jiġifieri r-reliġjon Lhudija u dik Musulmana. Għal dan l-iskop Papa Franġisku għamel ġest tassew profetiku meta ried li jkun akkumpanjat minn żewġ esponenti ta' dawn ir-reliġjonijiet li huma ħbieb



*Il-Papa fil-Yad Vashem*

tiegħu personali mill-Arġentina, Rabbi Abraham Skorka u Imam Sheik Omar Abboud. Filgħodu fit-8.15 il-Papa beda l-ġurnata bi żjara ta' kortesija lill-Gran Mufti ta' Ġerusalemm fis-sala tal-Gran Kunsill tal-Moskej fuq il-Haram ash-Sharif (spjanata tat-Tempju). Waqt il-laqgħa l-Papa kien akkumpanjat mill-Prinċep Ghazi bin Muhammad tal-Ġordanja, li hu responsabbli mill-"Hashemite Fund for the Building and Maintenance of Blessed Al-Aqsa Mosque and the Noble Dome of the Rock" li jaqgħu taħt il-protezzjoni diretta tal-familja rjali tal-Ġordanja.

Wara din it-tislima lir-reliġjon Musulmana, l-Papa niżel taħt l-ispjanata tat-Tempju u fid-9.20 am mar jitlob quddiem il-Ħajt tal-Punent, il-post l-aktar qaddis għar-reliġjon Lhudija. Skont it-tradizzjoni li osservaw ukoll il-Papiet ta' qablu, ħalla talba miktuba bejn il-ġebel kbar li jimmarkaw il-bażi tat-Tempju ta' Erodi, l-uniku fdal ta' dan il-bini imponenti li r-Rumani qerdu darba għal dejjem fis-sena 70 w.K.

Fl-9.45 am il-Papa ittieħed bil-karozza lejn il-memorjal ta' Mount Herzl, fejn hemm midfunin il-mexxejja u s-suldati tal-iStat ta' Israel. Hemmhekk hu waqaf quddiem il-qabar ta' Theodore Herzl, missier in-nazzjon Lhudija. Minn hemm baqa' sejjer lejn il-memorjal tal-Olokawst, il-Yad Vashem, fejn il-Papiet ta' qablu wkoll kienu marru, biex jagħti ġieħ u jfakkar lil-Lhud li ġew sterminati min-Nazi waqt it-Tieni Gwerra Mondjali.

Fi tmiem din il-waqfa obbligatorja, fl-10.45 am il-Papa mar għal żjara ta' kortesija liż-żewġ Rabbini kapijiet ta' Israel fl-Hiechal Shlomo Centre qrib il-Great Synagogue ta' Ġerusalemm. B'dawn il-ġesti l-Papa wera r-rispett tiegħu u tal-Kristjanità lejn ir-reliġjon Lhudija, li magħha l-messaġġ Kristjan għandu rabtiet kbar u intimi.

Il-kumplament tal-għodwa l-Papa għaddiha fi żjarat statali lill-ogħla awtoritajiet ta' Israel. Fil-11.45 am hu għamel żjara ta' kortesija lil Shimon Perez, President ta' Israel, fejn ġedded lilu wkoll l-istedina li jmur il-Vatikan ħalli, flimkien ma' Mahmoud Abbas, jitlob għad-don tal-paċi. Il-Papa kellu kliem mimli rispett lejn il-persuna ta' Perez, li għandu 91 sena, u sejjaħlu "raġel tajjeb u għaqli". Mill-palazz presidenzjali l-Papa mbagħad mar fil-Hotel Notre Dame, proprjetà tal-Vatikan, faċċata tal-kunvent Franġiskan ta' San Salvatur fuq in-naħa l-oħra, barra mill-ħitan tal-Belt il-Qadima. Hemmhekk il-Papa kellu laqgħa privata mal-Prim Ministru ta' Israel, Benjamin Netanyahu.



*Il-Papa fis-Santu Sepulkru*



*Il-Papa fiċ-Ċenaklu*

Suppost li fis-1.30 pm il-Papa kellu jiekol mad-delegazzjoni Vatikana fil-Hotel Notre Dame. Kienu saru s-2.30 pm, imma l-Papa ħareġ b'waħda mis-sorpriżi tipiċi tiegħu. Talab li, flok jiekol f'Notre Dame, il-Kustodju tal-Art Imqaddsa, Patri Pierbattista Pizzaballa, jmur miegħu fil-kunvent ta' San Salvatur għax ried jiekol mal-Patrijiet Franġiskani! Wieħed jista' jimmaġina l-ferħ fi ħdan il-komunità Franġiskana tal-kunvent prinċipali tal-Kustodja. Il-Papa daħal fir-refettorju u qagħad għal ikla sempliċi u ordinarja mal-patrijiet, filwaqt li sab ukoll ħin biex isellem lill-patrijiet anzjani tal-infermerija, lill-istudenti Franġiskani, lis-sorijiet Franġiskani Maltin li jaħdmu fil-kċina, u lil xi dipendenti. Kien ġest ta' umanità u sempliċità kbira li ġie apprezzat minn kulħadd. Wara l-ikel il-Papa ħalla San Salvatur u mar fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, fejn kellu laqgħa oħra mal-Patrijarka Ekumeniku Bartolomeo fil-monasteru tal-Viri Galilei, li l-Griegi Ortodossi għandhom fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, ftit bogħod mill-Post tal-Axxensjoni. Fl-4 pm il-korteo papali wasal fil-Bażilika tal-Agunija tal-Ġetsemani, fejn il-Papa mexxa laqgħa ta' talb li għaliha attendew saċerdoti, reliġjużi irġiel u nisa, u seminaristi djoċesani u reliġjużi ta' Ġerusalemm.

Fil-5.30 pm il-Papa mar għall-aħħar appuntament tiegħu ta' talb fl-Art Imqaddsa. Dan kien it-tieni mument l-aktar importanti taż-żjara, wara l-laqgħa ekumenika fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Papa Franġisku ċċelebra l-Quddiesa fiċ-Ċenaklu, flimkien mal-kardinali, isqfijiet ordinarji tal-Art Imqaddsa u partikolarment bil-preżenza tal-Patri Kustodju Pierbattista Pizzaballa u l-istudenti Franġiskani tal-Kustodja li mexxew il-kant u s-servizz liturġiku. Papa Franġisku kellu privileġġ speċjali li jiċċelebra l-Ewkaristija proprju fil-Post Qaddis tal-Aħħar Ċena, tad-dehriet ta' Kristu Irxoxt lill-Appostli, u tal-inżul tal-Ispirtu s-Santu nhar Pentekoste. L-aħħar darba li ġiet iċċelebrata Quddiesa b'mod uffiċjali fiċ-Ċenaklu kien fis-sena 2000, meta żar l-Art Imqaddsa l-Papa San Ġwanni Pawlu II. Nużaw il-kelma "uffiċjali" għax sfortunatament ta' spiss isiru ċelebrazzjonijiet tal-Ewkaristija b'mod abużiv minn gruppi Kattoliċi u mhumiex, bi ftehim sigriet mal-awtoritajiet reliġjużi Lhud li jieħdu

ħsieb il-Qabar ta' David taħt iċ-Ċenaklu, fil-binja li kienet u għadha uffiċjalment l-ewwel kunvent tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa, fejn huma damu mill-1335 sal-1552. Il-Post Qaddis taċ-Ċenaklu ġie mogħti lill-Franġiskani weħidhom mill-Knisja Kattolika u min jagħmel użu minnu b'mod abużiv ikun qiegħed imur kontra l-interessi tal-istess Knisja Kattolika li qed titħabat biex dan il-Post Qaddis jirritorna għand il-proprjetarji uffiċjali u uniċi tiegħu, il-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, li naturalment ikunu disponibbli li jiftħuh għall-użu tal-Insara kif jagħmlu fis-Santwarji l-oħrajn kollha.

Il-Quddiesa fiċ-Ċenaklu ntemmet b'diskors mill-isbaħ li għamel il-Kustodju tal-Art Imqaddsa, Patri Pierbattista Pizzaballa. Fost affarijiet oħrajn qal: "Miċ-Ċenaklu, li ġiet akkwistat biex jingħata lill-Franġiskani fis-sena mbiegħda 1333, il-patrijiet kienu jmorru biex jiċċelebraw b'mod solenni l-Quddies kantat u l-Uffiċċji Divini fil-Qabar ta' Kristu, kif jirrakkontaw il-kronaki. Il-ftuħ għall-evanġelizzazzjoni missjunarja ta' San Franġisk, fil-fatt, wasslet lill-patrijiet fl-Art tal-Fidwa tagħna u l-Knisja ikkonfermat din il-missjoni tagħna bħala Kustodji tal-Postijiet Qaddisa. Kif tara, ma hawnx bażilika li tħares il-post fejn Ġesù ċċelebra l-aħħar Għid tiegħu, fejn Hu talab għall-Appostli, fejn bħala Irxuxtat deherilhom biex jagħtihom il-Paċi, fejn l-Ispirtu niżel fuq l-Appostli miġburin fit-talb flimkien mal-Verġni Marija. F'din is-sala ma nistgħux niċċelebraw l-Ewkaristija, anke jekk illum hu eċċezzjoni. F'dan il-post Ġesù qasam il-ħobż u ta lid-dixxipli l-kalċi tal-inbid il-ġdid, filwaqt li tahom il-mandat li jirrepetu l-istess kliem u għemil tiegħu, u hekk għamel li l-preżenza vera tiegħu tibqa' dejjem fostna. Dan hu wieħed mill-aktar postijiet feriti fl-Art Imqaddsa, hu xhieda ta' tant feriti fil-popli li jgħixu f'din l-Art. Imma aħna rridu nemmnu li dawn il-feriti għandhom rabta misterjuża u vera mal-istimmati tal-Passjoni li bihom l-Irxuxtat, hawnhekk, deher lill-Appostli. Din ir-rabta hi misterjuża u vera bl-istess mod li hi dik il-Paċi li Ġesù tana u li ħallielna bħala wirt, il-Paċi li hi Hu nnifsu, il-Mulej rebbieħ fuq il-ħażen u l-mewt. Missier qaddis, aħna, il-Knisja, irridu nkomplu nkunu Kustodji ta' dawn il-feriti."

Kienu s-7.15 pm meta Papa Franġisku temm din l-aħħar waqfa tiegħu fl-Art Imqaddsa u ttieħed lejn l-elikotteru li, minn Mount Scopus, wasslu fl-ajruport internazzjonali Ben Gurion. Hemmhekk, wara ċ-ċerimonja tal-aħħar u t-tislima tal-President u Prim Ministru ta' Israel, il-Papa tela' fuq l-ajruplan tal-kumpanija Israeljana El Al, li fit-8.15 pm tar lejn il-Baħar Mediterran biex iwassal lill-Papa lura fl-ajruport ta' Ciampino u minn hemm fil-Vatikan, fejn wasal fil-11 pm.



# STORJA TAL-FRANĠISKANI FL-ART IMQADDSA IL-FRANĠISKANI FIL-QABAR TAL-VERĠNI MARIJA U F'BETLEĦEM

*Noel Muscat ofm*

Il-kisba taċ-Ċenaklu, kif hi dokumentata fil-Bulli ta' Klement VI (1342), issemmi l-preżenza tal-Franġiskani biss fil-Qabar ta' Kristu, u ma tgħid xejn dwar żewġ Santwarji importanti oħrajn li l-Franġiskani uffiċjawhom sa minn żminijiet bikrija, jiġifieri l-Qabar tal-Verġni Marija fil-Wied ta' Ġosafat, u l-Grotta tan-Natività f'Betleħem. Naraw ix-xhieda li għandna li

juruna li l-konċessjoni mogħtija mill-awtoritajiet Islamiċi biex il-Franġiskani jgħixu fl-Għolja ta' Sijon u juffiċjaw il-Qabar ta' Kristu, kienet impliċitament tinkludi wkoll id-dritt li huma juffiċjaw f'dawn is-Santwarji importanti. Nagħtu daqqa ta' għajn ħafifa għall-kisba ta' dawn is-Santwarji fl-ewwel fażi tal-istorja tal-preżenza Franġiskana fihom.

## Il-Franġiskani fil-Qabar tal-Verġni Marija

Għalina l-Kattoliċi t-twemmin fil-Verġni Marija mtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem hu domma ta' fidi, proklamata mill-Papa Piju XII fl-1 ta' Novembru 1950. Din it-tradizzjoni, iżda, hi antika ħafna u ġejja mill-ewwel komunità Ġudeo-Kristjana ta' Ġerusalemm. Il-bażi ta' din it-tradizzjoni jinsab fil-kitba Apokrifa *Koimésis Theotokou* (bil-Grieg), *Dormitio Mariae* (bil-Latin), *Ir-Raqda ta' Marija*, li l-awtur anonomu tagħha ġabar tifkiriet li jmorru lura għal żmien l-appostli. Id-dokument jafferma li, sa mit-2 seklu, kien hawn santwarju f'dan il-post, li mbagħad ġie mibdul fi knisja tal-kampanja. Wara li l-Konċilju ta' Efesu (431 WK) kien iddikjara lil Marija *Theotokos* (Omm Alla), Ġovenal, isqof ta' Ġerusalemm, bena hawnhekk kripta bi knisja ottagonali fuqha bl-għajnuna tal-Imperatur Mawrizju. Il-kommemorazzjoni tal-*Koimésis tis Theotokou* (*Dormitio ta' Omm Alla*), li hi orjentali fl-oriġini tagħha, minn dejjem kienet qawwija ħafna fil-fidi u d-devozzjoni tal-Insara ta' Ġerusalemm, li ta' kull sena kienu jiċċelebraw din il-festa Marjana prinċipali fil-15 ta' Awwissu. Il-Persjani qerdu l-knisja superjuri fis-sena 614. Mal-wasla tal-Kruċjati hawnhekk inbniet knisja kbira bi kripta taħtha u magħha monasteru tal-monaċi Benedittini. Din il-knisja kienet tissejjaħ Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat. Saladin qered din il-knisja fl-1187, imma ħalla intatta l-kripta bil-Qabar ta' Marija, minħabba l-venerazzjoni li l-Musulmani għandhom lejn "l-Imqaddsa Omm tal-Profeta Ġesù". Hekk il-kripta baqgħet intatta sal-ġurnata tal-lum, u l-faċċata tagħha Kruċjata għadha wieqfa.

Għalkemm il-kripta baqgħet wieqfa, imma l-kunvent li Goffedu ta' Bouglion kien bena lill-monaċi Benedittini ġie meqrud minn Saladin wara l-1187. Fl-1212 Wilbrand ta' Oldenburg sab li din il-kripta kienu juffiċjawha s-Sirjani, tributarji tas-Saraċini. Billi l-Musulmani kienu jqimu lill-Verġni Marija kienu ħallew dan is-Santwarju miftuħ u anke s-saċerdoti Latini mhux l-ewwel darba li tħallew jiċċelebraw il-quddiesa wara li jħallsu tribut lill-awtoritajiet Musulmani. Hekk fl-1292-94 id-Dumnikan Ricoldo di Monte Croce iċċelebra l-quddiesa, kif għamel ukoll id-Dumnikan Francesco Pipino fl-1320 u mill-1327 sal-1330 iċċelebra diversi drabi l-Franġiskan Antonio da Cremona.

Id-dritt ta' preċedenza li kellhom il-Franġiskani fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi

fil-Qabar tal-Verġni Marija naraw diġà x-xhieda tiegħu fil-*Liber peregrinationis* tal-Agostinjan fra Giacomo da Verona:

"Hemm knisja f'nofs il-Wied ta' Ġosafat, li tinsab fil-bidu tal-wied bejn l-għolja taż-Żebbuġ u l-bieb tan-nagħaġ. Jiena żort din il-knisja qaddisa u meqjuma, u skont kif għoġob lil Alla, kantajt b'mod solenni l-quddiesa f'jum l-Assunzjoni tal-Imqaddsa Marija fl-istess knisja fuq l-altar maġġur. F'dak il-jum, id-diversi gruppi ta' Kristjani jiċċelebraw b'mod solenni l-uffiċċji tagħhom f'din il-knisja li semmejna, u jkantaw il-quddies tagħhom, kif nagħmlu aħna l-veri Kristjani li nissejħu Franki *qabel kulħadd*, it-tieni warajna jiċċelebraw il-Griegi, it-tielet in-Nubjani, ir-raba' l-Abissini, li huma suwed bħan-Nubjani, il-ħames in-Nestorjani, is-sitta l-Maroniti, is-seba' l-Ġakobiti, it-tmienja l-Ġorġjani; dawn huma kollha Kristjani u jiċċelebraw uffiċċji diversi … Fil-jum ta' wara l-festa tal-Assunta jiena, għalkemm ma jistħoqqlix, iċċelebrajt il-quddiesa *fuq il-Qabar tal-Verġni* glorjuża, ikun imfaħħar Alla. U bl-istess mod fl-ottava tal-istess festa tal-Assunzjoni, iċċelebrajt il-quddiesa fuq il-Qabar tagħha."

Minn din id-deskrizzjoni tal-pellegrin Agostinjan, li jagħtina l-ordni preċiż tal-preċedenza fil-funzjonijiet tar-riti Kristjani, jidher bla dubju li l-Latini kellhom il-primat, u għaldaqstant kellhom dritt li kienu akkwistaw taħt forma legali mill-awtorità tas-Sultan. Dan jidher mill-fatt li l-Latini (Franġiskani) kellhom id-dritt li jiċċelebraw il-quddiesa solenni fuq l-altar maġġur tal-knisja u fuq il-Qabar tal-Verġni, dritt li huma damu jgawdu sal-1757. Fil-fatt, il-Franġiskan Nicolò di Poggibonsi fil-*Libro d'Oltremare* (1345), tomo I, 185-185, kiteb li kull rit kellu l-altar tiegħu u li kienu biss il-Latini li setgħu jiċċelebraw fuq il-Qabar tal-Verġni Marija.

Fit-22 ta' Mejju 1363 ir-Reġina Giovanna I ta'



*Kripta tal-Qabar tal-Madonna*



*Ikona tal-Madonna ta' Ġerusalemm venerata fil-Kripta*

Napli talbet lis-Sultan biex jagħti d-dritt lill-Franġiskani li jibnu kunvent fuq il-Grotta tal-Agunija, li tinsab maġenb il-Qabar tal-Verġni Marija, kunvent li fil-fatt qatt ma nbena. Hi talbet li l-Franġiskani setgħu jidħlu liberament biex jitolbu fil-Qabar tal-Verġni Marija u hemm jixegħlu l-lampieri kif jagħmlu f'Betleħem. Dan kollu jurina li l-Franġiskani kienu ċertament preżenti fil-Qabar tal-Verġni Marija fl-1363 u li mela kienu jiċċelebraw il-liturġija f'din il-knisja qabel din id-data.

Provi oħrajn tad-drittijiet li l-Franġiskani kienu jgawdu sa mill-qedem fuq il-Qabar tal-Verġni Marija huma xi Bulli pontifiċji favur tagħhom, partikularment il-Bulla *d ea que* tal-Papa Innoċenz VI (9 ta' Novembru 1361), u l-Bulla *Rationi congruit* tal-Papa Urbanu IV (8 ta' Novembru 1362).

Fit-30 ta' Marzu 1392, il-Kustodju Gerardo Calveti, bit-tama li jkun jista' jibni l-kunvent maġenb il-Kripta u l-Grotta tal-Ġetsemani, quddiem in-nutar u x-xhieda ħa formalment pussess tal-Post Qaddis: "hu ħa korporalment u realment il-pussess tal-postijiet imsemmija, jiġifieri l-Kappella tal-Qabar tal-Beata Verġni



*Kripta Kruċjata tal-Qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat*

Marija fil-Wied ta' Ġosafat u tal-Grotta, billi fetaħ u għalaq il-bibien ta' din il-Kappella u tal-post imsemmi tal-Għar, u billi daħal u ħareġ b'sinjal tal-pussess li jidher pubblikament, u tal-intenzjoni tiegħu li hemmhekk jibni u jsewwi dawk iż-żewġ postijiet fil-ġejjieni qarib." (*Bullarium Franciscanum Terrae Sanctae*, ed. Gerusalemme, 49-53).

## Il-Franġiskani fil-Grotta tan-Nativitá f'Betleħem

Il-Bulli pontifiċji ta' Klement VI ma jsemmux b'mod espliċitu li l-Franġiskani kienu preżenti f'Betleħem, imma huma jgħidu b'mod ċar li l-ħeġġa li wrew ir-Rjali ta' Napli favur il-Franġiskani kienet tkopri l-Qabar ta' Kristu u l-postijiet l-oħrajn ta' Oltremare. L-istoriċi tas-seklu 15 kollha jaqblu li Betleħem kien inkluż fost is-Santwarji li l-Franġiskani akkwistaw bil-ħila tan-negozjati bejn ir-Re ta' Napli u s-Sultan tal-Eġittu (Fabri fl-1480, Suriano fl-1514).

L-ewwel tentattiv tal-Franġiskani biex jinsedjaw ruħhom fil-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem kien fl-1309, meta s-Sultan Baibars II, magħruf bħala al-Malik al-Muzaffar Rukn ed-Din Baribars al-Jashnakir al-Mansuri, kien tahom il-permess li jgħixu fil-Knisja ta' Betleħem, imma mbagħad miet ħesrem u għalhekk il-Franġiskani ma setgħux jieħdu pussess tal-Bażilika.

L-Agostinjan Giacomo da Verona, li rajnih fil-każ tal-Qabar tal-Verġni Marija, kien żar Betleħem u ċċelebra solennement il-quddiesa fil-Grotta tan-Nativitá fit-12 ta' Awwissu 1335. Hu l-ewwel xhud li jitkellem dwar id-drittijiet tal-Latini fuq il-Grotta tan-Nativitá. Għalkemm jagħti deskrizzjoni dettaljata tad-diversi altari fil-Bażilika u jsemmi l-Knejjes Kristjani li kienu juffiċjawhom, Giacomo da Verona jinsisti li l-uniku altar li kien hemm fil-Grotta, fuq il-post tat-Twelid ta' Ġesù Kristu, kien jappartjeni esklusivament għal-Latini, anke jekk ma jindikax li dawn il-Latini kienu l-Franġiskani. Imma jsemmi li kien ra hemmhekk żewġ patrijiet Minuri

flimkien mal-pellegrini:

"Kull filgħodu kull waħda min-nazzjonijiet (riti diversi) tiċċelebra fuq l-altar tagħha, dak li hu mħolli f'idejha. L-altar maġġur li hemm fuq (fil-Bażilika), hu tal-Griegi; imma l-altar ta' taħt, maġenb il-presepju hu tal-Kristjani Franki (Latini), u fuq dan l-altar jien iċċelebrajt b'mod solenni l-quddiesa: konna b'kollox aktar minn mitt Kristjani Franki; magħna kien hemm żewġ patrijiet Predikaturi (Dumnikani), tnejn Minuri (Franġiskani), u bosta kjeriċi u saċerdoti u pellegrini sekulari: hemmhekk iċċelebrajna uffiċċju solenni u sabiħ għat-tifħir lil Alla."

Il-pellegrin Ludolph ta' Sudheim, li żar l-Art Imqaddsa fl-1336, ukoll jitkellem mill-fatt li l-Latini kienu jippossjedu u jiċċelebraw l-uffiċċji fil-Grotta tan-Nativitą:

"Betleħem hi raħal mill-aktar pjaċevoli u sabiħ. F'Betleħem hemm knisja kbira u sabiħa, li għandha ħafna torrijiet u kampnari, u għandha forma ta' fortizza difiża b'mod qawwi. Is-saqaf hu miksi biċ-ċomb u minn ġewwa għandha mużajċi u rħamijiet, u fiha tiżjin tad-deheb, naħseb, aktar minn kull knisja mżejna taħt ix-xemx. Taħt l-altar maġġur hemm il-post li fih, minħabba fina, Alla twieled bħala bniedem mill-Verġni. F'dak il-post hemm altar, u ftit bogħod minnu hemm il-presepju…

Fil-lejl tal-Milied tal-Mulej in-nazzjonijiet (riti) kollha li hemm taħt is-sema, kif inhu xieraq, jinġabru flimkien u kull wieħed minnhom jiċċelebra l-uffiċċju skont ir-rit tiegħu. F'din il-knisja hemm post speċjali, u dan il-post hu mogħti bi privileġġ perpetwu. Il-Latini għandhom dan il-post, li fih Alla sar bniedem."

Ftit tas-snin wara, fl-1345-1346 il-pellegrin Franġiskan Nicolò di Poggibonsi, (*Libro d'Oltremare*, tomo I, 220), kiteb: "Taħt il-kor (tal-Bażilika) hemm kappella devota, fejn twieled il-Mulej tagħna. Il-kappella għandha żewġ daħliet; dħalt min-naħa tax-xellug u sibt bieb tal-ferrobattuto; f'riġlejn it-turġien, lejn il-lemin, hemm



*Grotta tan-Nativitą*



*Knisja tan-Nativitá, Betlehem*

tribuna, u hemmhekk hemm l-altar li fuqu tiġi iċċelebrata l-quddiesa… Fil-lejl tal-Milied ta' Kristu (fil-knisja) jinġabru l-ġenerazzjonijiet kollha ta' Kristjani, u kull waħda minnhom tiċċelebra l-uffiċċju fuq l-altar tagħha, bil-mod tagħha u bil-lingwa tagħha." L-istess Nicolò da Poggibonsi jagħti xhieda li, fl-1347: "aħna erġajna lura fil-knisja ta' Betlehem, li llum tinsab f'idejn il-patrijiet Minuri ta' San Franġisk, u li tahielna bħala rigal Medefar, Sultan ta' Babilonja; u kien hemm il-patrijiet hemmhekk meta jien kont Ġerusalemm." (*Libro d'Oltremare*, I, 236). Is-Sultan li jsemmi Nicolò kien Muzaffar Ħaġġi, li kien Sultan tal-Kajr fl-1346-47.

Xhieda oħra kontemporanja hi dik tal-awtur anonomu Minorita tal-*De gestis et factis trium Regum* (c. 1364): "F'din il-knisja, fil-lejl tan-Nativitá, jiltaqgħu d-diversi nazzjonijiet (riti) … kull wieħed minnhom għandu l-post tiegħu fil-knisja, u kollha jiċċelebraw l-uffiċċji divini, kull wieħed fil-lingwa tiegħu. Huma biss il-Kristjani Kattoliċi li jamministraw din il-kappella, u fil-jum tal-Milied ma jdaħħlu l-ebda rit ieħor fil-kappella."

Fl-ewwel nofs tas-seklu 14 nafu li l-Knejjes oħrajn Insara ma kellhomx post fiss fejn joqogħdu fil-Bażilika, imma kienu biss jiċċelebraw l-uffiċċji fil-festi fuq l-altari tagħhom, filwaqt li l-Franġiskani waħedhom kienu preżenti. Il-Griegi Ortodossi kienu għadhom ma kellhomx monasteru stabbli maġenb il-Bażilika imma kienu jgħixu fil-monsteru ta' San Nikola (illum il-kunvent tal-Grotta tal-Ħalib, proprjetà tal-Franġiskani).

Fl-1336 Sudheim jgħid li Betleħem kienet abitata biss mill-Kristjani, imma fl-1346 Nicolò da Poggibonsi jikteb li f'Betleħem kien hemm ukoll ftit Saraċini ma' ħafna Kristjani. Il-Franġiskani kienu jgħixu fil-fdalijiet tal-monasteru kbir li kellhom il-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin meta kienu juffiċjaw il-Bażilika tan-Nativitá fil-

perjodu tal-Kruċjati (1099-1187).

F'Marzu tal-1393 wasal Venezia fra Gerardo Calveti, Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon (Kustodju tal-Art Imqaddsa), fil-kumpanija ta' Henry, duka ta' Lancaster, li aktar tard sar ir-Re Henry IV tal-Ingilterra (1399-1413), li kien mar pellegrinaġġ f'Ġerusalemm. Fra Gerardo kien ġie fl-Ewropa biex jitlob lill-prinċpijiet Kristjani tal-Italja, ta' Franza u tal-Ingilterra biex jgħinu lill-Franġiskani ħalli jirrestawraw il-Bażilika tan-Nativitа̀ f'Betleħem, li kienet għoddha se tiġġarraf. Fra Gerardo kompla jitħabat għal żmien twil għal dan l-iskop, u saħansitra fl-1397-98 mar jagħmel trattattivi mas-Sultan tal-Eġittu fil-Kajr, bl-iskop li jakkwista l-permess tar-restawr. F'ittra tal-5 ta' Marzu 1399 li Ruggero Contarini, kummissarju u prokuratur tal-Art Imqaddsa kiteb lil fra Giovanni Contarini, li mbagħad sar Patrijarka ta' Kostantinopli, jingħad li d-Duka ta' Milan kien bagħat 1500 dukat lill-Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon, bl-iskop li jsir ir-restawr tal-knisja ta' Betleħem, u li dawn il-flus intbagħtu Ġerusalemm.

Diġà għidna kif fl-1263 ir-Reġina Giovanna I ta' Napli kitbet lis-Sultan tal-Eġittu biex titolbu rikonoxximent tad-drittijiet tal-Franġiskani fid-diversi Santwarji li fihom kienu preżenti, l-aktar iċ-Ċenaklu, il-Qabar ta' Kristu, il-Qabar tal-Verġni Marija (fejn titlob il-permess li jinbena kunvent) u l-Bażilika ta' Betleħem.

Saru diversi restawri tal-Bażilika ta' Betleħem mill-Franġiskani, fosthom dik tal-1448-1452 bil-ħidma ta' Filippu, Duka ta' Borgogne. Imma l-akbar restawr tal-Bażilika sar fl-1479-1480 meta kien Gwardjan ta' Betleħem fra Giovanni Tomacelli. Dan ħa ħsieb biex jagħmel mill-ġdid is-saqaf tal-Bażilika Biżantina billi jibdel it-travi tal-injam li kienu tmermru. Il-materjal ġie offrut minn Filippu ta' Borgogne u mir-Re Edward IV tal-Ingilterra, u inġarr fuq il-galeri tar-Repubblika ta' Venezia sal-port ta' Ġaffa, u mbagħad ġarrew l-injam fuq l-art sa Betleħem. Dan is-saqaf għadu jeżisti sal-lum, għalkemm jinsab f'qagħda perikoluża u għandu bżonn ta' restawr urġenti, li suppost li se jibda ma jdumx.

Xhieda importanti dwar dan is-saqaf il-ġdid li għamlu l-Franġiskani fil-Bażilika tan-Nativitа̀ jagħtihielna Francesco Suriano, Kustodju tal-Art Imqaddsa bejn l-1493-1495 u bejn l-1512-1515 (*Trattato de Terra Santa*, kap. LXVI):

"Hawnhekk nitkellmu dwar Betleħem u dwar il-knisja kbira tal-Beata Verġni, fejn welldet lil Kristu. Is-saqaf tal-knisja hu magħmul minn ċipressi u ċedri tal-Monte Libano, u s-saqaf hu kollu miksi biċ-ċomb. L-injam tat-travi fil-fatt kien mikul u maqsum, minħabba n-nuqqas ta' kura fi żmien il-Konventwali, imma issa ġie mġedded fiż-żmien li fih jiena kont ninsab fil-familja reliġjuża fuq l-Għolja ta' Sijon, fl-1480."

Dan id-dettall hu importanti. Jgħidilna, qabel xejn, li s-saqaf tal-Bażilika tan-Nativitа̀ sar ġdid mill-Franġiskani. Issa fl-Art Imqaddsa, min jirrestawra hu l-proprjetarju. Mela din hi prova li fis-seklu 14 il-Franġiskani kienu proprjetarji esklużivi tal-Bażilika tan-Nativitа̀ f'Betleħem, fejn damu b'mod mhux interrott proprjetarji paċifiċi sal-1637, meta l-indħil tal-Griegi Ortodossi daħħalhom f'xebgħa inkwiet, u kellhom jitħabtu biex jerġgħu jiġu rrikonoxxuti bħala proprjetarji mit-Torok Ottomani fl-1690 sakemm dan id-dritt ġie usurpat lilhom fir-rewwixta li l-Griegi Ortodossi organizzaw kontra l-Franġiskani nhar Ħadd il-Palm tal-1757, fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, f'dik ta' Betleħem u fil-Qabar tal-Verġni Marija.

## Il-martirju ta' San Nikola Tavelić u sħabu, Protomartri tal-Art Imqaddsa (1391)

Fl-1391 kien jgħixu fil-kunvent tal-Għolja ta' Sijon

erbaʼ Franġiskani, Nikola Tavelić minn Sebenico (Šibenik), Stefano minn Cuneo, Deodato (Aribert) minn Rodez u Pietro minn Narbonne. Il-martirju tagħhom f'idejn is-Saraċini ġie deskritt minn Patri Geraldo Calveti, Kustodju tal-Art Imqaddsa, f'relazzjoni li kiteb xahrejn wara d-data tal-martirju tagħhom fl-14 taʼ Novembru 1391 (Geraldo Calveti, *Quattro martiri sul rogo: il martirio del Beato Nicolo Tavelić e tre compagni uccisi a Gerusalemme nel 1391*, a cura di Alberto Ghinato, Edizoni Francescane, Roma 1961).

Nikola Tavelić twieled madwar l-1340 f'Sebenico (Šibenik) fid-Dalmazja (Kroazja). Daħal żagħżugħ mal-patrijiet Minuri. Meta sar saċerdot laqaʼ l-istedina tal-vigarju ġenerali tal-Ordni, Patri Bartolomeo della Verna, u tal-Papa Girgor XI, biex imur missjunarju fil-Bosnia, fejn ħadem għal 10 snin fl-evanġelizzazzjoni tal-Bogomili (eretiċi Patarini jew Katari li kienu jgħixu fil-Balkani). F'din il-ħidma kien megħjun minn Deodato minn Rodez. Fl-1384, flimkien maʼ dan sieħbu u maʼ Pietro minn Narbonne u Stefano minn Cuneo hu mar missjunarju fil-Palestina. L-erbaʼ Franġiskani kienu jgħixu fil-kunvent taċ-Ċenaklu.

Stefano minn Cuneo kien membru tal-provinċja Franġiskana taʼ Genova. Studja t-teoloġija fl-i*Studium* taʼ Pavia u kien lettur tat-teoloġija f'Bologna u Pavia. Wara mar jaqdi l-ministeru tiegħu fil-gżira taʼ Corsica, u mbagħad mar Ġerusalemm fil-komunità tal-Għolja taʼ Sijon.

Deodato minn Rodez twieled fl-Aquitaine fi Franza, post li bil-Latin jissejjaħ Ruticinum. Daħal żagħżugħ mal-patrijiet Minuri. Wara li sar saċerdot ingħaqad maʼ Nikola Tavelić fil-ħidma taʼ evanġelizzazzjoni tal-Bosnia, u fl-1384 intbagħat bħala missjunarju fil-Palestina.

Pietro minn Narbonne kien membru tal-provinċja Franġiskana taʼ Provence. Hu daħal Franġiskan fir-riforma tal-Osservanza li kien beda Paoluccio Trinci



*Intern tal-Bażilika tan-Nativitā*

da Foligno fl-1368. X'aktarx li ħa l-formazzjoni tiegħu fl-eremitaġġi tal-Umbria, fejn l-Osservanti kienu tferrxu ħafna qabel l-isforz ta' Paoluccio Trinci, sa minn żmien Giovanni da Valle u Gentile da Spoleto fl-1334. Il-preżenza tiegħu f'Ġerusalemm fl-1391 hi interessanti, għax turina kif il-patrijiet Minuri tar-riforma tal-Osservanza kienu tferrxu sew, anke fl-Art Imqaddsa, fi tmiem is-seklu 14.

Ir-rakkont tal-martirju jinsab f'diversi fonti storiċi, li ġew editi l-aktar fl-okkażjoni tal-kanonizzazzjoni tal-Martri ta' Ġerusalemm minn Pawlu VI fil-21 ta' Ġunju 1970 (cfr. D. Mandić, *Documenta martyrii B. Nicolai Tavelić et sociorum eius Ord. Min. collegit, digessit notisque illustravit P. Dominicus Mandić OFM*, Romae 1958, 117-125; A. Matanić, *De martyrio B. Nicolai Tavelić et sociorum apographon "Relationis Sibenicensis" ex anno 1636*, in *Archivum Franciscanum Historicum* 56 (1963) 164-181).

L-edizzjoni kritika tar-rakkont tal-martirju ta' Nikola Tavelić u sħabu, skont dak li kiteb Patri Geraldo Calveti, Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon, tinsab fi Girolamo Golubovich, *Biblioteca bio-biografica della Terra Santa e dell'Oriente francescano*, Vol. V, Quaracchi, Firenze 1927, 282-297. Golubovich jagħtina wkoll l-edizzjoni tal-ittra akkompanjatorja li Patri Geraldo kiteb lill-Katalani residenti f'Damasku, u bagħtilhom flimkien mal-atti tal-martirju nhar l-20 ta' Jannar 1392.

Il-martirju tal-erba' Franġiskani beda nhar il-11 ta' Novembru 1391 festa ta' San Martin, meta ddeċidew li jmorru jxandru lil Kristu u l-Evanġelju quddiem il-Qâdi ta' Ġerusalemm, billi jitilgħu fuq l-ispjanata tat-Tempju fil-Haram al-Sharif (ir-Reċint Nobbli) fejn il-Musulmani jitolbu fil-Moskea ta' Al-Aqsa. Dak il-jum kien ir-raba' jum tal-festa Musulmana ta' *Għid el-Qurban*. Bl-għajnuna ta' interpreti huma qraw quddiem l-awtoritajiet minn trattat miktub bl-Għarbi. Ir-riżultat naturalment kien li ġew immedjatament arrestati u ikkundannati għall-mewt talli ipprofondaw ir-reliġjon Islamika f'post hekk qaddis għaliha. Il-Qâdi sejjaħ lill-Gwardjan Patri Geraldo Calveti, bħala responsabbli tal-Franġiskani li kienu jgħixu f'Ġerusalemm, u mbagħad iddeċieda li jikkundanna l-erba' patrijiet għall-piena kapitali. Nhar l-14 ta' Novembru 1391 saret l-esekuzzjoni tas-sentenza kapitali fil-Bieb ta' Ġaffa, quddiem iċ-Ċittadella jew Torri ta' David, fejn il-Franġiskani ġew krudelment maqtulin u l-iġsma tagħhom maħruqin għalkollox, biex hekk l-Insara ma jkunux jistgħu jqimu l-fdalijiet tagħhom. (*Frati Minori Santi e Beati*, a cura di Silvani Bracci e Antonietta Pozzebon, Postulazione Generale Ordine dei Frati Minori, Roma 2009, 130-134).



# SAN PIETRU SAJJIED, APPOSTLU U PAPA LEJN IL-ĠUBLEW TAL-1950 SENA MILL-MARTIRJU TIEGĦU

***Fr Charles Buttigieg***

*“Tu es Petrus et super hanc petram aedificabo aecclesiam meam.”*
*(Mattew 16:18)*

Ġesù biddel l-isem ta’ Xmun (bil-Grieg Sumeon) bin Ġona (kif insibu f’Mattew 16:17, bl-Aramajk: ‘bar-Yonah’, Yonah ifisser ‘ħamiema’) għal Pietru (isem li jfisser ‘blata’; bl-Aramajk: ‘kefa’, ‘cepas’; bil-Grieg: ‘petra’, ara Mt 10:1-4; Mk 3:13-19 u Lq 6:12-16, b’paragun mill-kelma oħra Griega ‘lithon’ f’1 Piet 2:4). Skont l-Evanġelju apokrifu tal-Lhud missieru kien jissejjaħ Ġwanni (yohanan) kif insibu ukoll f’xi okkażjonijiet fl-Evanġelju ta’ San Ġwann

(1:42 u 21:15). Pietru kien miżżewweġ u sajjied fil-għadira ta' Tiberija jew ta' Ġennesaret jew fil-bahar tal-Galileja fil-Galileja; kien minn Betsajda (li tfisser 'dar tas-sajd' fin-naħa ta' fuq tal-għadira, ara Ġw 1:44 u 12:21, din kienet mibnija mill-ġdid minn Filippu iben Erodi u kienet belt Griega, fil-qrib kien hemm ukoll 'Betsajda Ġulja') u wara mar joqgħod f'Kafarnahum (5km 'il bogħod minn Betsajda) fejn kellha popolazzjoni dakinhar ta' 15,000 ruħ u Kristu għażlu biex ikun l-Ewwel Kap tal-Knisja u fdalu f'idejh l-imfietaħ tas-Saltna (ara Matt 16:18; 1 Kor 3:11; Ef 2:20; u 1 Piet 2:5-6). Betsajda, billi kienet belt kummerċjali, kellha influwenza Griega qawwija. Skont San Ġwann 1:44 kien ħuh Indrija li ppreżentah għall-ewwel darba lil Ġesù l-Messija. Huwa għaraf lil Kristu bħala l-Messija fl-istqarrija tal-fidi tiegħu f'Ċesarija ta' Filippi, imsemmija għal Filippu Erodi, (illum Paneion/Banias) qrib il-muntanja Hermon: "Inti l-Messija…" (Mk 8:29, ara ukoll Matt 16:18). Tajjeb li ngħidu hawnhekk li l-Għadira tal-Gallilea jew Kinneret (kinnor għaliex għandha forma ta' arpa) fejn kien jistad Pietru, ħuh Indrija u sħabu (il-familja ta' Żebedew missier Ġakbu u Ġwanni), hija twila 21 km u wiegħsa 13 km u fonda madwar medja ta' 85 pied u hija għadira ta' ilma naturali u tibqa' nieżla fix-xmara Ġordan. Josephus jikteb li kien hemm madwar 230 dgħajsa tagħmel is-sajd f'dan l-ilma speċjalment għall-ħuta 'Tilapia' ('Tristramella simonis'). Il-ħuta l-oħra 'Sfamnun' (catfish) kienet meqjusa bħala mniġġsa u riferita bħala 'serp'. Fis-sena 2013 fil-qiegħ tal-għadira fin-naħat tal-iskavi ta' Khirbet Kerak instabet piramida misterjuża tal-ġebel tas-sena 2000 Q.K.

Pietru kien dejjem ma' Ġesù fl-iktar mumenti partikulari bħal dak tat-Trasfigurazzjoni u tal-Ġetsemani. Bħala bniedem dgħajjef ċaħad lil Kristu fil-passjoni għal tliet darbiet imma mill-ewwel nidem. Kien l-ewwel appostlu li daħal fil-qabar ta' Kristu. Għandna żewġ ittri kanoniċi minn tiegħu. Huwa pprietka fil-Palestina, f'Antiokja tas-Sirja fejn kien l-ewwel isqof ta' din il-komunità, fejn id-dixxipli ta' Kristu bdew jissejħu nsara, fl-Asja Minuri, fil-Greċja u wara sar Isqof ta' Ruma u l-Ewwel Papa. B'rabta mal-primat ta' Pietru nsibu dan it-tagħlim ta' *Primatus Petro Datur*, *hanc Petri unitatem* u *Cathedra Petri* ta' Ciprijan ta' Kartaġni. Didimu jsejjaħ lil Pietru bħala mexxej (bil-Grieg: coryphaeus), waqt li San Ambroġġ ta' Milan għandu l-frażi famuża: *ubi ergo Petrus ibi ecclesia: ubi ecclesia nulla mors sed vita aeterna*.

Dati marbuta mal-ħajja ta' San Pietru huma li fis-sena 42 W.K. huwa kien Ruma (l-istoriku Ewsebju jikteb li huwa kien Ruma taħt ir-renju ta' Klawdju li kien beda mis-sena 41 A.D.), kien ġie arrestat imbagħad meħlus mill-ħabs; fis-sena 46 kien Ġerusalemm, fis-sena 48 kien ġewwa Antiokja, fis-sena 49 reġa' kien Ġerusalemm għall-Konċilju u wara reġa' mar Ruma. Żgur li qabel is-sena 49 W.K., f'Ruma, kien midħla ta' Akwila u Priska u tad-dar (*domus ecclesiae*) tagħhom fejn illum hemm il-Knisja ta' Santa Priska tal-5 seklu. Nafu li l-familja aristokratika Pudens li kienet toqgħod fuq l-għolja Esquilina, fejn illum hemm Santa Pudenziana, kienet għenet ħafna lil San Pietru. Skont Tertulljanu f'*De Baptismo* jgħid li San Pietru kien jgħammed ġewwa Ruma fix-xmara Tevere. Ħa l-martirju f'Ruma fuq l-għolja tal-Vatikan bit-tislib b'rasu 'l isfel madwar is-sena 64 W.K (għalhekk fis-sena 2014 niċċelebraw il-1950 sena tal-martirju tal-Ewwel Papa, bil-probabilità kbira wkoll li kienet l-istess sena tal-martirju ta' San Pawl). Il-post tal-martirju huwa indikat bħala l-pjazza ta' San Pietru fil-ġenb fejn kien hemm iċ-Ċirku ta' Gajju u Neruni. Skont l-arkeologa Margherita Guarducci, li mietet reċentament fl-età ta' 92 sena, u li bdiet tagħmel l-iskavi fin-nekropoli

fil-Bażilika tal-Vatikan imqabbda mill-Papa Pawlu VI, liema skavi kienu bdew sa mill-1940; San Pietru ġie imsallab fit-13 ta' Ottubru fl-okkażjoni tal-festa ta' *Die Imperii* tal-Imperatur Neruni fis-sena 64 W.K. fl-okkażjoni tal-10 sena mill-ħatra tiegħu (kif kien qal Taċitu u l-Papa Klement fl-bidu tal-Knisja, b'kuntrast ma' Ewsebju u Ġirolmu li ġew wara u li jiktbu s-sena 67.

Is-sena 64 W.K. immarkat il-bidu tal-persekuzzjoni tal-Insara mhux iktar issa mil-Lhud, bħalma naraw fil-ġrajjiet tal-Atti tal-Appostli imma mill-Imperatur Ruman innifsu Neruni. Dan, wara l-istraġi tal-ħruq tal-belt imperjali ta' Ruma fid-19 ta' Lulju tas-sena 64 li għalih tefa' t-tort inġustament fuq l-Insara. Dan il-ħruq ta' Ruma, fejn kienu nqerdu għal kollox għaxar kwartieri mill-erbatax li kienu jeżistu fil-belt, kien mibdi minn Neruni nnifsu sabiex inkun jista' jagħmel proġetti għall-glorja tiegħu. Fil-fatt, Neruni fis-snin 67 u 68 kien involut ħafna fil-Greċja, spiċċa fis-sena 68 u fis-sena 69 kien hemm erba' imperaturi: Galba, Otone, Vitellio u Vespazjanu.

Margherita Guarducci kienet sabet il-kelmiet miktuba bil-Grieg *Petros eni* - Pietru qiegħed hawn. Dan l-avveniment storiku kien mħabbar b'mod definittiv u b'ferħ kbir mill-Papa Pawlu VI fis-26 ta' Gunju 1968. Il-qabar tiegħu jinsab eżattament taħt l-artal tal-Bażilika tal-Vatikan l-ikbar knisja fid-dinja li taf il-bidu tagħha fis-sena 333 fl-era ta' Kostantinu.

Insibu fil-Palestina s-Santwarju tal-Primat ta' Pietru, mibni fl-1934 fuq il-ġebla magħrufa bhala *Mensa Christi* fejn Ġesù wara l-qawmien deher lil Pietru u talbu biex jirgħa n-nagħaġ tiegħu. Skont it-tradizzjoni din il-Knisja hija mibnija fuq il-pedamenti tad-dar vera li kellu San Pietru. Hemm ukoll il-knisja ta' San Pietru in Gallicantu fejn Pietru ċaħad lil Kristu. F'Antakya fit-Turkija (fil-Bibbja: 'Antijokja tas-Sirja') insibu l-eqdem 'għar-knisja' iddedikata lil San Pietru: *Knisset Mar Semaan Kefa* tat-tielet jew ir-raba' seklu. B'rabta ma' San Pietru nsibu wkoll il-knisja ta' San Pietru u San Pawl *Petrova crkva* f'Stari Ras, Novi Pazar fis-Serbja li taf il-bidu tagħha fir-raba' seklu u l-Bażilika *Saint Pierre aux-Nonnains*



f'Metz fi Franza ta-sena 380. Fl-1968 kienet instabet id-dar - *domus-ecclesia* ta' San Pietru ġewwa Kafarnahum. Fl-arti Kristjana Pietru *kepha* għandu rabta ma' Mosè li ħareġ l-ilma mill-blata - *petra*. Il-Festa liturġika tiegħu hija flimkien ma' San Pawl l-Appostlu tal-Ġnus, fid-29 ta' Ġunju.

L-ittri kanoniċi ta' San Pietru huma tnejn. Hemm kitbiet oħra attribwiti lil San Pietru imma dawn huma meqjusa bħala apokrifi. L-Ewwel Ittra ta' San Pietru, għalkemm hija indirizzata lill-komunitajiet nsara ta' Pontu, Galazja, Kappadoċja, Asja u Bitinja, hija meqjusa bħala 'ittra ġenerali' miktuba madwar is-sena 63 W.K. ġewwa l-belt ta' Ruma għall-Knisja kollha, għall-insara kollha mxerrdin speċjalment fl-Asja Minuri. F'dawn il-komunitajiet kien hemm insara ta' oriġini Lhudija kif ukoll pagana. Aktarx inkitbet fi żmien Neruni meta l-persekuzzjoni aktar sistemizzata ta' Djoklezzjanu u Trojanu kienet għadha ġejja. Xi wħud mill-biblisti jikbtu li hija prietka batteżimali. Sa mill-bidu nett Klement Ruman jikkwota lil din l-ittra importanti. Fiha nsibu enfasi fuq id-dinjità ta' dawk kollha li jħaddnu r-reliġjon l-ġdida mwaqqfa minn Kristu. Titkellem dwar id-dmirijiet tal-ħajja nisranija u l-imġiba tan-nisrani fid-dinja pagana. Tkompli tgħid ukoll, li huma jissieħbu mat-tbatijiet ta' Kristu meta jgħaddu mill-prova tat-tbatija speċjalment dik tal-persekuzzjoni u li wara din it-tbatija hemm tassew wirt imħejji għalihom (ara 1,1 u 5,12). Huwa jgħallem dwar is-salvazzjoni, dwar il-miġja ta' Kristu, il-filjolanza tan-nisrani, u fuq kollox dwar il-poplu ġdid ta' Alla fil-knisja u t-tbatija tan-nirani.

Rigward it-tieni ittra, insibu li għandha rabta kbira ma' San Pietru u nkitbet qabel il-qerda ta' Ġerusalemm. Din l-ittra għandha ħafna xebh mat-tagħlim ta' San Pawl u t-tagħlim fl-ittra ta' San Guda. Hija tgħallem dwar il-ħajja tan-nisrani u twissi kontra l-għalliema foloz u l-valur tal-Kotba Mqaddsa (1:19-21). Teżisti kitba ohra attribwita lil San Pietru imma din mhix kanonika bħall-Apokalissi ta' Pietru, il-Vanġelu ta' Pietru, il-Predikazzjoni ta' Pietru, l-Atti ta' Pietru, l-Atti ta' Pietru u Pawlu, il-Passjoni ta' Pietru u Pawlu u l-Martirju ta' Pietru.

B'hekk tajna ħarsa lejn il-biografija u t-tagħlim ta' San Pietru Apposlu u l-Ewwel Papa: "Jiena tlabt għalik, biex il-fidi tiegħek ma tiġix nieqsa. Int mbagħad, meta terġa' lura għas-sewwa, wettaq lil ħutek" (Luqa 22:32).

## Biblijografija


Allison, D.C., "Cephas and Peter: One and the Same", in *JBL* 111 (1992) 489–495.

Bockmuehl, M., "*Simon Peter's Names in Jewish Sources*", in *Journal of Jewish Studies* 40 (2004).

Cassidy, R., *Four times Peter: Portrayals of Peter in the Four Gospels and at Philippi*, Collegeville 2007.

Cullmann, O., "*Petros, Kéfas*", in *TWNT* 6 (1956) 99–112.

Guarducci, M., "La data del martirio di Pietro", in *30 Giorni* 14 (marzo 1996) 79-82.

Grogan, G., "New Testament Christology or New Testament Christologies?", in *Themelios* 25, 60-73.

Govier, G., "Biblical Archaeology's top ten discoveries of 2013", in *Christianity Today* (December) 2013.

Lowe, J., *Saint Peter*, London 1956.

Mantey, J.R., "New Testament facts about the Apostle Peter", in *JETS* 21 (1978) 211-212.

Pixner, B., *Con Gesù attraverso la Galilea secondo il Quinto Vangelo*, Rosh Pina (Israel) 1997.

Ricciardi, G., "Perchè la data del martirio di Pietro è fissata al 67", in *30 Giorni* 14 (marzo 1996) 82.

Rudman, D., "The significance of the phrase 'fishers of men' in the synoptic gospels", in *Irish Biblical Studies* 26 (2005) 106-118.

Strickert, F., "Why the fishing town Bethsaida is not found along the shore of the Sea of Galilee", in *The Bible and Interpretation* (2011) 1-20.

Wenham, J., "Did Peter go to Rome in AD 42", in *Tyndale Bulletin* 23 (1972) 94-102.



# ID-DIFFERENZA LI GĦAMLET IL-MEWT TA' ĠESÙ

***Mons. Lawrenz Sciberras***

Meta ġie Ġesù fid-dinja huwa wriena t-triq u bena komunikazzjoni bejn Alla l-Missier u bejna l-bnedmin. L-awtur tal-Ittra lil-Lhud, b'ton trionfali ħafna, jafferma dan kollu fil-kap 9,11-12. "Imma Kristu ġie bħala l-qassis il-kbir tal-ġid li ġa ġie. Hu daħal minn tinda

aqwa u aktar perfetta li mhijiex maħduma b'idejn il-bnedmin, jiġifieri mhijiex ħolqien ta' din l-art; hu daħal darba għal dejjem fis-Santwarju mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u tal-għoġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess, u hekk kiseb fidwa għal dejjem".

## Kristu t-Triq

Dan il-kliem, li qed jiġi ppreżentat f'lingwaġġ kultwali, jiġbor fih il-misteru kollu tal-Għid Mogħdija ta' Kristu; li jfisser il-passjoni, mewt, qawmien, u axxensjoni. U dan għaliex is-Santwarju li fih daħal Kristu mhux wieħed materjali imma tas-sema! Hekk ikompli jippreċiża l-awtur "Għax Kristu ma daħalx f'santwarju magħmul b'idejn il-bnedmin". Meta Kristu daħal tassew fis-santwarju, huwa waqqaf u bena mill-ġdid dik il-komunikazzjoni bejn il-bniedem u Alla, liema komunikazzjoni nkisret għalkollox bid-dnub. Huwa fetħilna t-triq lejn Alla. Anzi huwa stess sar it-TRIQ. "Jiena it-triq" (Ġw 14,6). Huwa sar it-triq, u laħaq l-għan sħiħ, grazzi għall-mewt u l-qawmien tiegħu.

Billi Ġesù huwa Iben Alla, Ġesù ma kellux bżonn personalment ta' ebda sagrifiċċju, imma kellu iva bżonn għan-natura umana tiegħu li tixbah lil tagħna: Ġesù kien veru bniedem. Minħabba l-offerta ġeneruża tiegħu Ġesù kiseb għan-natura tiegħu umana li din tinbidel u hekk tidħol f'aktar intimità ċelesti ma' Alla Missieru.

## Mezzi li ħaddem Alla

Liema huma l-mezzi li Alla ħaddem biex iwaqqaf mill-ġdid din il-komunikazzjoni? L-awtur jitkellem minn żewġ mezzi u b'mod paralleli. (a) Jagħmel użu sħiħ mill-prepożizzjoni Griega *dia*, li tfiser "tgħaddi minn", u tista' tfisser ukoll "per mezz". Kristu daħal fis-Santwarju billi "daħal minn tinda aqwa u aktar perfetta… u bis-saħħa ta' demmu stess" (Lhud 9,12). (b) It-tieni mezz huwa wisq aktar faċli biex tinterpretah. Id-demm ta' Kristu li jfisser l-offerta sħiħa tal-ħajja kollha tiegħu. Mela jfisser il-mewt tiegħu, mibdula f'offerta sħiħa ta' mħabba bla ebda kundizzjoni. Meta Kristu, biex jifdi l-bniedem, kellu jagħti demmu kollu – ma ninsewx li hawn għandna demm divin – dan ifisser l-ogħla mezz u l-aqwa prezz għal din il-fidwa sħiħa.

Hawn id-demm ta' Kristu qiegħed f'kuntrast mad-demm tal-gidjien u l-għoġiela. Vittmi li ma jafux raġuni, vittmi annimali! Hawn wieħed għandu jammira l-ġenerożità suprema ta' Kristu, l-Qassis il-Kbir tagħna. Huwa ma marx ifittex qalb il-merħla xi ħaruf mingħajr tebgħa jew difett, kif jitlob bil-qawwa ir-ritwal tal-Levitiku. Ġesù offra l-ħajja proprja tiegħu, billi ħabbat wiċċu mat-tbatija u l-mewt b'ubbidjenza sħiħa għal volontà salvifika tal-Missier flimkien ma' imħabba l-aktar ġeneruża għalina l-bnedmin. Id-demm tiegħu jfisser dan l-aspett ta' mewt vjolenti mibdula f'offerta ta' ubbidjenza filjali u ta' solidarjetà mal-aħwa. "Kunu afu li intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom fiergħa li ħadtu mingħand missirijietkom, mhux b'xi ħaġa li tintemm, bħalma hi l-fidda jew id-deheb, imma bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa" (1 Pt 1,19-20).

## It-tifsira tat-tinda – għarix

L-awtur jitkellem minn "tinda wisq aktar kbira u perfetta". Il-fissiera ma tantx jaqblu bejniethom dwar xi jfisser dan il-kliem. It-tifsira l-aktar li jagħtu hija li din it-tinda tirrappreżenta s-smewwiet inferjuri. Kristu kellu jgħaddi s-smewwiet inferjuri biex bin-natura tiegħu umana jidħol fis-sema. Imma din it-tifsira xejn ma hija sodisfaċenti. Għaliex is-smewwiet inferjuri minn dejjem kienu jafu bihom, imma t-triq ġdida ma kenitx magħrufa, ma kenitx murija. Minn naħa l-oħra s-smewwiet ta' taħt jagħmlu parti minn dan il-ħolqien; l-awtur diġà qalu f'kap 1,10-12 u jerġa' jirrepetih fil-kap 12, 26-27. Barra dan il-paralleliżmu



li jagħmel l-awtur fil-frażi griega, bejn it-tinda u d-demm ma jfisser xejn jekk it-Tinda hijiex identifikata ma' smewwiet ta' taħt.

San Ġwann Griżostmu ppropona interpretazzjoni aktar profonda, u aktar toqrob u taqbel mat-test. Mill-aspett spiritwali u duttrinali hija wisq aktar għanja. Il-Griżostmu jżomm li "it-Tinda aktar kbira u aktar perfetta li ma tappartjenix għal din il-ħolqien li huwa l-Ġisem ta' Kristu". Però hemm bżonn li jippreċiża li dan huwa l-ġisem ta' Kristu gglorifikat. Għalhekk qabel il-glorifikazzjoni, l-ġisem ta' Kristu kien jappartjeni lil din id-dinja, kien ġisem bħal tagħna. Grazzi għall-qawmien glorjuż tiegħu Ġesù issa sar ħolqien kollu kemm hu ġdid.

## It-triq il-ġdida

Dejjem skont l-ittra lil-Lhud, it-triq il-ġdida biex wieħed jidħol fl-intimità ta' Alla hija n-natura umana ta' Kristu mibdula fis-sagrifiċċju tiegħu gglorifikat. Hekk il-paralelliżmu mad-demm jinftiehem perfettment. Kristu daħal fl-intimità divina grazzi għal ġisem gglorifikat u permezz ta' demmu stess. Dan jaqbel perfettament, il-paralleliżmu bejn il-ġisem u d-demm jikkorrespondi maż-żewġ aspetti tal-offerta. Kristu xerred id-demm proprju tiegħu, offra b'mod ġeneruż il-bdil tan-natura umana tiegħu, ġeddidha u hekk għamilha denja ta' intimità ma' Alla. In-natura tiegħu umana saret it-triq l-aktar żgura li twassal mal-għaqda l-aktar intima ta' Alla. Triq li qabel assolutament ma kenitx teżiżti u anqas qatt ma ġiet murija anzi ġiet kollha kemm hi mwarrba: Issa ħarġet fil-beraħ grazzi għall-misteru tal-Għid.

## It-tempju u l-Ġisem tiegħu

Dan il-ħsieb fl-ittra lil-Lhud jaqbel mat-tagħlim tal-Vanġelu dejjem bi ftit aktar preċiżazzjoni. Il-Vanġelu diġà jfakkar meta l-Lhud jitolbu sinjal minn għand Ġesù b'liema awtorità huwa keċċa l-bejjiegħa mit-tempju. Ġesù wieġeb: "Ħottu dan it-tempju u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu" (Ġw 2,19). L-evanġelista ikompli jikkummenta: "Huwa tkellem mit-tempju tal-ġisem tiegħu" (2,21). Il-misteru tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesù jiġi ppreżentat fir-raba' Vanġelu bħala il-misteru ta' Santwarju ta' din id-dinja li fi tlitt ijiem jinbidel u jsir Santwarju ċelesti (tas-sema) u dan grazzi għall-passjoni u l-qawmien. Dan huwa is-siġil divin tal-binja tas-santwarju, il-Qawmien, jew fi kliem li jagħmel riferenza għal Eżodu, il-Mogħdija tal-Mulej (Eż 12,27) mill-mewt għall-ħajja.

Fis-Sinottiċi l-unika akkuża kontra Ġesù hija dik li huwa qal: "Jien inħott dan it-tempju mibni bl-idejn,

u fi tlitt ijiem nibni ieħor li ma jkunx mibni bl-idejn" (Mk 14,58). L-awtur tal-ittra lil-Lhud qabad mill-ġdid il-kwalifika dwar it-tinda: "Mhix magħmula minn idejn ta' bniedem". Ġesù kien diġà qal minn qabel it-twaqqif tat-tempju u ħabbar il-bini ta' Santwarju ġdid. Il-ġisem igglorifikat ta' Kristu huwa l-vera tinda u jagħmel għalina t-triq biex nidħlu fl-intimità ta' Alla.

## Mill-*Hekal* lejn l-*Ulam*

L-ittra lil-Lhud tat u fissret b'mod oriġinali l-għażla bejn iż-żewġ partijiet tal-post qaddis: Il-mixja u l-abitazzjoni ta' Alla. Dawn il-partijiet huma n-nava ċentrali *Hekal* u l-qaddis tal-qaddisin jew l-*Ulam*. Fi kliem aktar sempliċi mixja qasira mill-parti tan-nofs tat-tempju lejn l-aħħar kamra mudlama li hija is-Santwarju. Hawn ġew kien hemm biss l-arka tal-patt sa żmien l-ewwel eżilju, mela s-sena 586.

L-għamara ta' Alla minn dejjem kienet teżisti fis-sema, ma kienx hemm bżonn li terġa' tinbena, imma kien hemm iva l-bżonn li jinbena l-*Hekal*, jiġifieri it-triq l-aktar adattata lejn din l-abitazzjoni tas-sema li ma kenitx magħmula minn idejn ta' bniedem. Din it-triq **huwa l-ġisem igglorifikat ta' Kristu**, imsejħa bir-raġun "aktar perfetta" mis-Santwarju qadim: Dan għaliex l-umanità ta' Kristu issa saret aktar perfetta permezz tat-tbatijiet tiegħu. Dan l-awtur diġà kien qalu fil-kapitli ta' qabel. (Lhud 2,10; 5,8-9). Hawn toħroġ fid-dieher it-teoloġija sħiħa dwar il-medjazzjoni ta' Ġesù.

Minn naħa l-oħra din it-tinda hija "aktar kbira" mis-santwarju qadim, għaliex bl-offerta tiegħu stess Kristu kiseb li dawk kollha li jemmnu jistgħu jsiru membri tal-ġisem tiegħu, kif iżomm b'mod espliċitu S. Pawl: "Intom il-ġisem ta' Kristu u kull wieħed minnkom membru tiegħu" (1 Kor 13,27). "Minħabba t-tinda aktar kbira u aktar perfetta", jiġifieri permezz tal-ġisem tiegħu gglorifikat "Kristu daħal darba għal dejjem fis-santwarju tas-sema".

Qabel il-passjoni, il-ġisem tiegħu kien jappartjeni għal dan il-ħolqien, kien ġisem bħal tagħna, imma grazzi għall-passjoni, il-mewt u qawmien dan il-ġisem sar ħolqien ġdid, u li ġie inawgurat bil-qawmien tiegħu. San Pawl iżomm li "dawk li huma ta' Kristu huma ħolqien ġdid" (2 Kor 5,17), mela wisq aktar *a fortiori* l-istess Kristu huwa ħolqien ġdid. Mela ż-żewġ mezzi li jwaqqfu mill-ġdid il-komunikazzjoni bejna u bejn Alla u jwaqqfu l-Patt il-Ġdid huma l-ġisem u d-demm ta' Kristu.

Aħna nirċievu l-Ewkaristija. Nistgħu nidħlu f'intimità ma' Alla għaliex nagħmlu parti mill-ġisem igglorifikat ta' Kristu, u dan seta' jsir grazzi għad-demm li huwa xerred, mela għal għotja l-aktar ġeneruża fil-passjoni.



# IR-REFERENZI BIBLIĊI FL-ENĊIKLIKA "LUMEN FIDEI" (3)

*Marcello Ghirlando ofm*

## Inxandrilkom dak li rċevejt jien

It-Tielet Kapitlu, "Inxandrilkom dak li rċevejt jien" (1 Kor 15: 3) huwa maqsum f'erba' sezzjonijiet b'dawn it-titli: Il-Knisja, omm il-fidi tagħna (37-39), Is-Sagramenti u

t-trasmissjoni tal-fidi (40-45), Fidi, talb u d-Dekaologu (46) u L-unità u l-integrità tal-fidi (47-49).

It-tielet kapitlu tal-Enċiklika jiffoka kompletament fuq l-importanza tal-evanġelizzazzjoni: "min jinfetaħ għall-imħabba ta' Alla, sema' leħnu u rċieva d-dawl tiegħu, ma jistax iżomm dan id-dawl għalih". Id-dawl ta' Kristu jiddi fuq wiċċ l-insara u hekk jixtered, "bħalma fil-liturġija tal-Għid id-dawl tal-blandun jixgħel ħafna aktar xemgħat" (37). Ix-xandir tal-fidi jgħaddi wkoll permezz tal-mixja taż-żmien, minn nisel għal nisel, permezz ta' katina mhux maqtugħa ta' xhieda. Dan iwassal għal ħolqa bejn il-fidi u l-memorja għax l-imħabba ta' Alla żżomm magħquda ż-żminijiet kollha, tant li tagħmel minna kontemporanji ta' Ġesù: "L-imħabba li hi l-Ispirtu, u li tgħammar fil-Knisja, iżżomm magħqudin bejniethom iż-żminijiet kollha u tagħmilna nies ta' żmien Ġesù" (38). Ma nistgħux nemmnu waħedna għaliex il-fidi mhijiex biss għażla individwali. Il-'Jiena nemmen' isir 'Aħna nemmnu' għax il-fidi tiftiehem dejjem fil-ġemgħa tal-Knisja. "Dan hu għaliex min jemmen qatt mhu waħdu, u għaliex il-fidi għandha t-tendenza li tixtered, li tistieden lill-oħrajn għall-hena tagħha" (39).

Il-milja tal-ħajja li nirċievu permezz tal-fidi taslilna b'mod speċjali permezz tas-Sagramenti, iċċelebrati fil-liturġija tal-Knisja. Fihom tixxandar memorja nkarnata, marbuta mal-postijiet u ż-żminijiet tal-ħajja, imsieħba mas-sensi kollha; fihom il-persuna tintlaqat, għax hi membru ta' suġġett ħaj, f'nisġa ta' relazzjonijiet komunitarji" (40). Fost is-Sagramenti l-Papa jsemmi l-ewwel il-Magħmudija, kemm tat-trabi kif ukoll tal-adulti: "il-Magħmudija tfakkarna li l-fidi mhux opra tal-individwu waħdu…iżda trid tintlaqa' fi ħdan l-għaqda tal-Knisja li tittrasmetti d-don ta' Alla" (41). U fil-każ tat-trabi, huma l-ġenituri u l-parrini li jwieżnu miċ-ċkunija l-fidi tal-imgħammdin, struttura ta' Magħmudija li turi "l-importanza tal-għaqda bejn il-Knisja u l-familja fit-trasmissjoni tal-fidi" (43).





Il-Papa jgħaddi biex jitkellem mill-Ewkaristija li fiha l-fidi ssib l-aqwa tifsira tan-natura sagramentali tagħha. Hija "l-ikel għażiż tal-fidi, laqgħa ma' Kristu preżenti b'mod reali b'att mill-aktar għoli ta' mħabba, għotja tiegħu nnifsu li tnissel il-ħajja…attwalizzazzjoni tal-misteru…fl-Ewkaristija nitgħallmu naraw il-profondità tar-realtà. Il-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu…" (44).

Il-Papa jistqarr ukoll li fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti, il-Knisja tittrasmeti l-memorja tagħha, l-aktar nett bl-istqarrija tal-fidi, li fiha "il-ħajja kollha tidħol f'mixja lejn il-għaqda sħiħa ma' Alla l-ħaj…fil-kredu min jemmen hu mistieden jidħol fil-misteru li jistqarr u jħalli lilu nnifsu jindbidel minn dak li jistqarr" (45).

Elementi essenzjali oħra għat-trasmissjoni tal-fidi huma t-talb u d-Dekalogu. It-talb, b'mod partikulari it-talba ta' Sidna, il-Missierna: b'din it-talba "n-Nisrani jitgħallem jaqsam l-istess esperjenza spiritwali ta' Kristu u jibda jara b'għajnejn Kristu"; id-Dekalogu (l-għaxar kmandamenti), li "mhuwiex ġabra ta' preċetti negattivi, iżda ta' indikazzjonijiet konkreti biex noħroġu mid-deżert tal-"jien"…u nidħlu fi djalogu ma' Alla, u nħallu l-ħniena tiegħu tħaddanna". Sabiħa hi l-kelma tal-Papa meta jistqarr: "Hekk missejt l-erba' elementi li jħaddnu t-teżor tal-memorja li l-Knisja xxandar: l-Istqarrija tal-fidi, iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti, il-mixja tad-Dekalogu, it-talb. Il-katekeżi tal-Knisja, tradizzjonalment, kienet mibnija fuqhom, inkluż il-*Katekiżmu tal-Knsija Kattolika*, għodda fundamentali għal dak l-att unitarju li bih il-Knisja tikkomunika l-kontenut sħiħ tal-fidi, "dak kollu li hi, dak kollu li hi temmen"" (46).

Il-Papa jgħaddi biex jitkellem fuq l-unità u l-integrità tal-fidi. Il-fidi hija waħda "minħabba l-għaqda ta' Alla magħruf u mistqarr…għax iddur fuq Mulej wieħed, fuq il-ħajja ta' Ġesù, fuq l-istorja konkreta tiegħu li taqsamha magħna…għaliex taqsam u tieħu minnha l-Knisja kollha, li hi ġisem wieħed u Spirtu wieħed. Fil-komunjoni tal-uniku suġġett li hu l-Knisja, nirċievu ħarsa komuni. Aħna u nistqarru l-istess fidi nistrieħu fuq l-istess blata, ninbidlu mill-istess Spirtu tal-imħabba, minna joħroġ dawl waħdieni u għandna ħarsa waħdiena biex ninfdu r-realtà" (47). U la l-fidi hi waħda, għandha tkun mistqarra fis-safa kollu u fis-sħuħija tagħha: "l-unità

tal-fidi hija l-unità tal-Knisja, jekk inħallu barra xi ħaġa mill-fidi nkunu nħallu barra xi ħaġa mill-verità tal-komunjoni". Hawnhekk il-Papa jikkwota lill-Beatu John Henry Newman: L-unità tal-fidi hija għalhekk dik ta' organiżmu ħaj; fost il-karatteristiċi tal-kontinwità tad-duttrina fiż-żmien hemm is-setgħa tagħha li tassimila fiha dak kollu li ssib, fl-ambjenti diversi li fihom issib ruħha, fil-kulturi diversi li magħhom tiltaqa', "hija u ssaffi kollox u ġġorru lejn l-aħħar espressjoni tiegħu. Il-fidi b'hekk tidher universali, kattolika, għaliex id-dawl tagħha jikber biex idawwal l-univers kollu u l-istorja kollha" (49). L-unità tal-fidi u x-xandir sħiħ tagħha huwa garantit mis-suċċessjoni appostolika.

## Referenzi Bibliċi

F'dan it-Tielet Kapitlu tal-Lumen Fidi, il-Papa jagħmel tlettax-il referenza biblika. Mill-Antik Testment insibu żewġ referenzi, waħda mill-Ktieb ta' Isaija u oħra mill-Ktieb tal-Eżodu. Mill-Ġdid Testment hemm referenza għall-Vanġelu ta' San Ġwann, waħda għal dak ta' San Mattew u waħda mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli. Hemm żewġ referenzi għall-Ittra lir-Rumani, waħda għall-Ewwel Ittra lill-Korintin fit-titlu tal-kapitlu, u tlieta għat-Tieni Ittra lill-Korintin, waħda għall-Ittra lill-Efesin u oħra għall-Ewwel Ittra lil Timotju. Nerġgħu nsegwu dawn ir-referenzi li jgħinuna nerġgħu ntennu xi ideat importanti tal-Enċiklika fuq il-Dawl tal-Fidi.

## Il-Knisja, omm il-fidi tagħna

L-ewwel referenza biblika hija għall-Ewwel Ittra lill-Korintin, referenza li tinsab fit-titlu tal-kapitlu: "Inxandrilkom dak li rċevejt jien" (15: 3). Il-Papa jagħmel din ir-referenza għax, kif rajna, f'dan il-kapitlu jitkellem mit-trasmissjoni tal-fidi. Pawlu jitkellem darbtejn mill-missjoni tiegħu li jxandar u jgħallem dak li hu stess kien irċieva mit-tradizzjoni ħajja tal-Knisja tal-bidu. F15: 3-4 jitkellem mill-kerygma tal-fidi li jgħaddi lill-Korintin: "Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri, li Kristu miet minħabba dnubietna, skont l-Iskrittura; difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skont l-Iskrittura". Qegħdin fil-kapitlu fejn Pawlu jseddaq il-fidi fil-qawmien tal-ġisem mill-imwiet, twemmin imlaqqam fl-istess qawmien ta' Ġesù Kristu. F'11: 23-25 meta, fil-kuntest li jistieden lill-Korintin biex jiċċelebraw l-ikla tal-Mulej bid-dehen, ifakkar fit-twaqqif tal-Ewkaristija: "Jien irċevejt





mingħand il-Mulej, it-tagħlim li għaddejt likom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu u qal: Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi. Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi; agħmlu dan kull meta tixorbu b'tifkira tiegħi".

L-ewwel vers tan-numru 37 jistqarr: "Min jinfetaħ għall-imħabba ta' Alla, sema' leħnu u rċieva d-dawl tiegħu, ma jistax iżomm dan id-don għalih. Billi l-fidi hija smigħ u li wieħed jara, hija tixxandar ukoll bħala kelma u bħala dawl". Il-Papa jseddaq din l-istqarrija billi jagħmel tliet referenzi għat-Tieni Ittra lill-Korintin. Niftakru li f'din l-ittra Pawlu jiddefendi l-ministeru appostoliku tiegħu quddiem l-isfida ta' min kien qed jikkalunjah u jgħid li ma kienx appostlu veru. Pawlu jieħu l-okkażjoni biex jiddeskrivi l-ġmiel tal-ministeru tal-appostli. Il-fidi tixxandar bħala kelma: dan jidher ċar b'dak li jgħid Pawlu f'2 Kor 4: 13: "Imma billi aħna għandna l-istess spirtu ta' fidi li fuqu hemm miktub: Emmint u għalhekk tkellimt, aħna wkoll emminna, u għalhekk tkellimna". Pawlu, anke jekk il-ministeru tiegħu huwa teżor fil-fuħħar, ma jistax ma jxandarx il-fidi fil-Mulej Ġesù. Imma l-fidi hija wkoll dawl. F'3: 18, wara li fakkar l-ġrajja ta' Mosè li deher quddiem il-Lhud wiċċu jiddi minħabba l-esperjenza tal-presenza ta' Alla, Pawlu jistqarr li n-nisrani, bis-saħħa tal-fidi, huwa rifless

tad-dawl tal-Mulej: "Aħna lkoll, li b'wiċċna mikxuf nirriflettu bħal f'mera l-glorja tal-Mulej, qegħdin ninbidlu fl-istess xbieha". Il-fidi ddawwal u tbiddel lil kull min jemmen fix-xbieha tal-Mulej, bis-saħħa tal-ispirtu s-Santu. Pawlu jżid li bis-saħħa tal-fidi kull min jemmen jiddawwal u jinħoloq mill-ġdid: "Alla… idda fi qlubna biex jagħtina d-dawl tal-għarfien tal-glorja ta' Alla, li tiddi f'wiċċ Kristu (4: 6).

Il-Papa jgħid li l-fidi tiġi mgħoddija lilna mill-Knisja. Hu proprju għalhekk li hija omm il-fidi tagħna. "L-imgħoddi tal-fidi, dak l-att ta' mħabba ta' Ġesù li nissel fin-dinja ħajja ġdida, jiġina mill-memorja tal-oħrajn, tax-xhieda, miżmum ħaj f'dak is-suġġett waħdieni ta' memorja li hu l-Knisja. Il-Knisja hija Omm li tgħallimna nitkellmu l-lingwaġġ tal-fidi". Hawnhekk il-Papa jagħmel refernza għall-Vanġelu ta' San Ġwann u jgħid li l-evanġelista, filwaqt li jgħaqqad flimkien fidi u memorja, jorbothom it-tnejn mal-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu. Ifakkar il-kelma ta' Ġesù: "ifakkarkom kollox" (Ġw 14: 26). Qegħdin fil-kuntest tad-diskors li Ġesù jagħmel waqt l-aħħar ikla, diskors li fih iwiegħed l-Ispirtu s-Santu: l-Ispirtu Difensur mibgħut f'ismu mill-Misssier "jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom".

Hawnhekk il-Papa jiġbed din il-konklużjoni tant sabiħa: "L-imħabba li hi l-Ispirtu, u li tgħammar fil-Knisja, iżżomm magħqudin bejniethom iż-żminijiet kollha u tagħmilna nies ta' żmien Ġesù, u b'hekk issir il-gwida ta' mixjitna fil-fidi" (38).

## Is-Sagramenti u t-trasmissjoni tal-fidi

Il-fidi tiġi trasmessa peremezz tas-Sagramenti, l-ewwel nett permezz tal-Magħmudija (41). Ma jistax jonqos li hawnhekk il-Papa jagħmel żewġ referenzi għall-Ittra lir-Rumani fejn Pawlu jitkellem mir-realtà tal-Magħmudija. Hija l-Magħmudija li tagħmel minna ħolqien ġdid u wlied adottivi ta' Alla; hija l-Magħmudija, li skont Rumani 6 tagħmilna mejta għad-dnub u ħajja fi Kristu. L-ewwel referenza hija għal 6: 4: "Indfinna ma' Kristu permezz tal-magħmudija biex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida". Hija ħajja ġdida li ssir l-eżistenza ta' min jemmen u jitgħammed, fdata f'għamla ta' tagħlim li n-nisrani jobdi mill-qalb. Isir, skont kliem Pawlu, ilsir tal-ġustizzja, jiġifieri, immarkat profondament mill-eżistenza ġdida li jirċievi. Għalhekk isir referiment ieħor: Imma niżżu ħajr lil Alla: intom kontu lsiera tad-dnub, imma issa obdejtu minn qalbkom din il-kwalità ta' tagħlim li ngħatalkom biex timxu fuqu" (Rum 6: 17).

Biex ifiehem ir-rabta bejn l-Magħmudija u l-fidi, il-Papa jagħmel referenza għal mill-Profeta Isaija, li ntrabtet mal-Magħmudija fil-letteratura nisranija antika: "fortizza taż-żonqor il-kenn tiegħu, il-ħobż tiegħu jsibu, u l-ilma qatt ma jonqsu". Hija silta meħuda minn kantiku ta' Isaija li jikkontempla l-Mulej li jsalva l-poplu tiegħu. "L-imgħammed, meħlus mill-ilma tal-mewt, seta' jqum fuq saqajh bħala "blata qawwija", għax ikun sab is-sod li jista' jafdah. Hekk l-ilma tal-mewt inbidel f'ilma tal-ħajja. It-test Grieg isejjaħlu ilma *pistos,* "ilma fidil". L-ilma tal-Magħmudija hu fidil għaliex nistgħu nafdawh, għaliex in-nixxiegħa tiegħu ddaħħalna fid-dinamika tal-imħabba ta' Ġesù, għajn ta' sikurezza għall-mixja tagħna fil-ħajja" (42).

## Fidi, talb u Dekalogu

Fin-numru 46, meta l-Papa jitkellem mid-Dekalogu bħala element essenzjali fit-trasmissjoni tal-fidi, jagħmel referenza għall-Ktieb tal-Eżodu 20: 2. Huma l-kelmiet li bihom Mosè jintroduċi l-għaxar kelmiet, l-għaxar kmandamenti, bħala t-triq tal-ħelsien, bħala t-triq li biha l-bniedem jintelaq kompletament f'idejn Alla

li jsalva: "Jien hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu". "Id-Dekalogu mhuwiex ġabra ta' preċetti negattivi, iżda ta' indikazzjonijiet konkreti biex noħorġu mid-deżert tal-"jien" li jipponta fuqu nnifsu, magħluq fih innifsu, u nidħlu fi djalogu ma' Alla, u nħallu l-ħniena tiegħu tħaddanna biex inġorru l-ħniena tiegħu". Ma jistax jonqos li dan id-diskors tal-papa jagħlaq b'referenza għal żewġ kapitli sħaħ mill-Vanġelu ta' San Mattew (5 – 7), żewġ kapitli sħaħ li fihom l-evanġelista jiġbor id-Diskors tal-Muntanja. Huwa Diskors ta' Ġesù, muri bħala Mosè l-ġdid, li jippreżenta t-triq ewlenija tan-nisrani. "Id-Dekalogu jidher bħala l-mixja tal-gratitudni, tat-tweġiba tal-imħabba, possibbli għaliex fil-fidi aħna nftaħna għall-esperjenza tal-imħabba ta' Alla għalina li taf tbiddilna. U din il-mixja tirċievi dawl ġdid minn dak kollu li Ġesù jgħallem fid-Diskors tal-Muntanja.

## L-unità u l-integrità tal-fidi

Fl-aħħar sezzjoni ta' dan il-kapitlu l-Papa jagħmel żewġ referenzi bibliċi. Fl-ewwel vers jikkwota l-Ittra lill-Efesin 4: 4-5 biex jistqarr: "L-għaqda tal-Knisja, fiż-żmien u fl-ispazju, hi marbuta mal-għaqda tal-fidi" (47). Fil-kuntest fejn Pawlu jħeġġeġ lill-insara jżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem, jistqarr: "ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda". B'hekk quddiem id-diffikultà tal-għaqda fl-istess verità, il-Papa jista' jkompli: "Iżda l-esperjenza tal-imħabba tgħidilna li sewwasew fl-imħabba jista' jkun hemm viżjoni komuni, li fiha nitgħallmu naraw ir-realtà bl-għajnejn tal-ieħor, u li dan ma jfaqqarniex, iżda jagħni ħarsitna. L-imħabba vera, skont il-qies tal-imħabba ta' Alla, trid il-verità u fil-ħarsa komuni tal-verità, li hi Ġesù Kristu, issir soda u profonda. Dan hu wkoll il-ferħ tal-fidi, l-għaqda ta' viżjoni f'ġisem wieħed u ruħ waħda",

Referenza biblika fin-numru 48 hija għall-Ewwel Ittra lil Timotju 6: 20. Il-Papa jiġbed il-konklużjoni li "la l-fidi hi waħda, għandha tkun mistqarra fis-safa kollu u fis-sħuħija kollha tagħha". Isaħħaħ l-argument tiegħu billi jfakkar l-aħħar twissija tal-Appostlu lil Timotju, ragħaj żagħżugħ fil-Knisja tal-bidu, f'din l-Ittra biex iħares id-depositu kollu tal-fidi: "Timotju, ħares sewwa dak li kien fdat f'idejk. Aħrab il-kliem profan u fieragħ u l-kontradizzjonijiet tal-għerf falz, li xi wħud ħaddnuh u tbiegħdu fil-fidi. Il-grazzja magħkom".

L-aħħar referenza hija għall-kelma tal-Appostlu Pawlu lill-anzjani ta' Efesu, f'Miletu, kif miġjuba minn San Luqa fl-Atti 20: 27. Minn dan it-Testment Pastorali tal-Appostlu tal-Ġnus il-Papa jseddaq il-kelma li jikteb fuq l-importanza tas-suċċessjoni appostolika, don tal-Mulej, għall-unità tal-fidi u għax-xandir sħiħ tagħha. San Pawl huwa konvint li temm l-missjoni mogħtija lilu mill-Mulej li jxandar dak kollu li kien skont ir-rieda ta' Alla: "għax jien qatt ma bżajt nurikom dak kollu li Alla jrid minnkom". "Hu bis-saħħa tal-Maġisteru tal-Knisja li din ir-rieda tista' tasal għandna sħiħa, u magħha l-hena li nistgħu ntemmuha b'mod sħiħ" (49).

(Ikompli)






# IL-KELMA TA' ALLA FIL-KELMA TA' ALLA

*Fr Martin Micallef OFMCap*

Fil-paġni tal-Kotba Mqaddsa ninnutaw kif il-Kelma ta' Alla tasal għand persuni differenti permezz ta' ħolm, viżjonijiet, minn ilħna mis-sħab jew inkella direttament fil-qalb jew fil-moħħ tal-bniedem. Mhux biss, imma din l-istess kelma tasal taħt forom differenti, bħal ngħidu aħna, f'forma ta' twissija, wegħda, ġudizzju, barka jew saħta. Il-ħajja tal-poplu ta'



Alla kienet kollha kemm hi taħt id-direzzjoni tal-Kelma tal-Mulej. Kien il-Mulej li jmexxi lill-poplu tiegħu permezz tal-Kelma tiegħu fl-għażliet tas-slaten, fil-gwerer li kienu ġġieldu, fil-ħajja soċjali u reliġjuża tagħhom.

F'dan l-artiklu se nieqfu fuq xi siltiet meħudin mill-Kotba Mqaddsa li għandhom jgħinuna niġu aktar konxji ta' kif l-awturi sagri kienu f'sintonija mal-Kelma li l-Mulej Alla nnifsu kien qed iwasslilhom, biex permezz tagħhom, imbagħad, ikun jista' jasal fi qlub ta' persuni oħra li aktar tard kellhom jaqraw din l-istess kelma.

## Metafori għall-Kelma ta' Alla

Minkejja li l-Iskrittura hija l-Kelma ta' Alla, din l-istess kelma waslet għandna permezz ta' kelmet il-bniedem. Minħabba f'hekk, meta naqraw l-Iskrittura rridu nżommu f'moħħna kemm il-kliem tagħna l-bnedmin huwa limitat biex jesprimi l-ħsibijiet ta' Alla. Dan jidher b'mod speċjali mill-metafori jew tixbihat li dawn l-awturi sagri jużaw meta jiġu biex jitkellmu jew biex jiddeskrivu l-Kelma tal-Mulej.

Il-profeta Hosegħa, per eżempju, ixebbah il-Kelma tal-Mulej ma' arma li toqtol meta jikteb: "Għalhekk inġarthom jiena bil-profeti, u bi kliem fommi qtilthom" (Hos 6,5). Ġeremija l-profeta jitkellem minn din il-kelma bħala nar: "Għalhekk dan jgħid il-Mulej, Alla tal-eżerċti: 'Talli għedtu dal-kliem, arani, se nagħmel nar minn kelmti fuq xufftejk, u minn dan il-poplu l-ħatab biex jikkunsmah'" (Ġer 5,14).

Din l-istess tixbiha, Ġeremija jerġa' jużaha aktar tard meta jitkellem fuq l-esperjenza profetika tiegħu. Huwa ħass li Alla kien daħak bih. Minkejja l-wegħda li Alla l-Imbierek kien għamillu fis-sejħa tiegħu li minnu kellu jagħmel "belt fortizza, kolonna tal-ħadid, ħajt tal-bronż, kontra l-pajjiż kollu" (Ġer 2,18), Ġeremija ħass li Alla kien qarraq bih: "qarraqtni, Mulej, u jien tqarraqt; kont aqwa minni, u għelibtni" (20,7). Quddiem dan is-sentiment, il-profeta jipprotesta ma' Alla u jgħid hekk fuqu: "Ma nsemmihx aktar, ma nitkellimx aktar f'ismu" (v.9). Imma immedjatament wara dan il-kliem, Ġeremija jistqarr: "Iżda f'qalbi hemm bħal nar jaqbad, magħluq f'għadmi. Għejejt inżommu magħluq ġo fija, ma niflaħx aktar għalih" (v.9). Dan in-nar jaqbad f'qalb il-profeta ma huwa xejn għajr l-istess Kelma ta' Alla li ġabet fil-ħajja tal-profeta tbatija kbira.

Mix-xbieha tan-nar, Ġeremija jxebbah il-Kelma ta' Alla ma' mterqa meta jikteb: "Jaqaw mhijiex kelmti bħan-nar, jew bħal imterqa tfarrak il-blat?" (Ġer 23,29). Bi kliem bħal dan, il-profeta ried juri l-qawwa kbira li l-Kelma tal-Mulej għandha fil-ħajja tal-bniedem.

It-tixbiha tal-Kelma ta' Alla ma' arma nsibuha wkoll fit-Testment il-Ġdid. Fl-Ittra lil-Lhud, per eżempju, naqraw: "Il-kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar, hija tinfed sa tinfred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb" (Lhud 4,12). Hekk ukoll l-awtur tal-Ittra lill-Efesin, jerġa' jitkellem mill-Kelma ta' Alla permezz tat-tixbiha tax-xabla meta jikteb: "aqbdu x-xabla tal-Ispirtu li hi l-kelma ta' Alla" (Efes 6,17).

Fis-Salmi, imbagħad, inkomplu naqraw x'effetti tħalli l-Kelma tal-Mulej hekk kif din tasal għand il-bniedem bħal donnha xi messaġġier mis-sema. Fis-Salm 107,20 għalhekk naqraw: "Bagħat il-kelma tiegħu u fejjaqhom, u ħelishom mit-telfien." Fis-Salm 147,15 inkomplu naqraw: "Hu jibgħat fuq l-art il-kmand tiegħu; bil-ħeffa tiġri l-kelma tiegħu"; filwaqt li ftit versi 'l isfel insibu: "Isamma' keltmu, u jinħall is-silġ" (v.18).

Il-qawwa tal-Kelma tal-Mulej li ddewweb is-silġ iebes tkompli toħroġ b'mod tassew sabiħ f'silta klassika li nsibuha fil-ktieb ta' Isaija 55,10-11: "Bħalma x-xita u s-silġ jinżlu mis-smewwiet, u ma jerġgħux lura mnejn ġew bla ma jsaqqu l-art, imma jġegħluha tnissel u tnibbet, u tagħti ż-żerriegħa 'l min jiżra' u l-ħobż 'il min jiekol, hekk jiġri minn kelmti: hija toħroġ minn fommi, u ma terġax lura vojta, imma tagħmel dak li jogħġob lili, u ttemm dak li nkun bgħattha tagħmel."

## Alla li jitkellem

Ħsieb ċentrali li jiġri fil-paġni tat-Testment il-Qadim huwa li Alla ta' Iżrael mhuwiex Alla mutu, imma Alla li jitkellem u li qiegħed f'konversazzjoni kontinwa mal-poplu tiegħu. Hekk jikteb Isaija: "Jekk biss issejjaħlu, iwieġeb il-Mulej; jekk tgħajjatlu, jgħidlek 'Hawn jien'" (Is 58,9), filwaqt li aktar tard l-awtur jikteb: "Qabel ma jsejħuli, inwieġeb; nismagħhom, meta għadhom ikellmuni" (65,24).

Din il-karatteristika tiddistingwi lil Alla ta' Iżrael minn allat oħra tal-popli pagani li "għandhom il-fomm, u ma jitkellmux" (Salm 115,5; 135,16. Ara wkoll Ġer 10,5). Dan jidher b'mod tassew sabiħ fl-istorja ta' Elija l-profeta li jisfida l-erba' mija u ħamsin profeta ta' Bagħal biex isejħu 'l alla tagħhom filwaqt li hu jsejjaħ lil dak tiegħu biex jaraw liema wieħed kien se jwieġeb. Il-ġrajja tgħidilna kif dawn il-profeti bdew jgħajtu: "'Bagħal, weġibna!' Iżda ebda kelma ma kien hemm, u ebda tweġiba" (1 Slat 18,26). Għalhekk Elija beda jiddieħak bihom u jgħidilhom: "Għajtu b'leħen ogħla, għax tassew hu alla: għandu mnejn jinsab imħasseb, jew imħabbat, jew imsiefer; inkella rieqed, ħa



jistenbaħ" (v.27). Imma ebda tweġiba ma' ħadu mingħand alla Bagħal. Mhux hekk iżda ġara meta Elija l-profeta ressaq it-talba tiegħu lil Alla li kien jadura: "Weġibni, Mulej, weġibni, ħalli jkun jaf dan il-poplu li int, Mulej, int Alla, u li int dawwartilhom qalbhom lura" (v.27).

## Fil-Kelma Tiegħu nagħrfu r-rieda Tiegħu

Huma bosta dawk is-siltiet li juruna kif l-għan li għalih il-Mulej Alla jitkellem hu, biex juri r-rieda tiegħu, jiġifieri, biex ifisser dak li huwa kien qed jistenna mill-poplu tiegħu f'sitwazzjonijiet partikulari u storiċi. Hekk jistqarr is-sultan David meta jfaħħar lil Alla talli kien għarrfu fil-wegħda li kien għamel miegħu li mill-familja tiegħu: "U issa, Sidi Mulej, int Alla, il-kelma teigħek hi sewwa, u int wegħedt dan il-ġid lill-qaddej tiegħek" (2 Sam 7,28).

Hekk ukoll naqraw meta fi żmien Għeli "l-kelma tal-Mulej kienet rari" (1 Sam 3,1), sakemm il-Mulej sejjaħ liż-żagħżugħ Samwel li għaraf is-sejħa tiegħu permezz ta' Għeli li qallu: "Mur orqod. Jekk jerġa' jsejjaħlek, wieġeb: 'Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek jisma'" (v.9).

F'dan l-istess ktieb naqraw ukoll l-episodju tal-konsagrazzjoni tat-tfajjel David minn Samwel. Kien il-Mulej li bagħat lil Samwel fid-dar ta' Ġesse b'ordni speċifika: "Tħarisx lejn is-sura tiegħu, jew it-tul ta' persuntu għax jien diġà warrabtu" (1 Sam 16,7). Hekk ġara meta David wasal quddiem Ġesse. "Il-Mulej qal lil Samwel: 'Qum u idilku, għax dan hu'" (v.12).

## Il-Kelma ta' Alla hi kelma ta' tama u ta' fiduċja

Il-Kelma ta' Alla miktuba turina wkoll li din il-Kelma waslet lill-poplu sabiex iqiegħed it-tama u l-fiduċja tiegħu f'dan Alla li kien tant qrib tiegħu. Dan jidher l-aktar fis-Salmi. Is-Salmista jfaħħar lil Alla u jgħid: "Bl-għajnuna ta' Alla nfaħħar kelmtu; f'Alla nafda, m'għandix għax nibża'" (Salm 56,5). Fis-Salm 116, li huwa stqarrija tal-poplu ta'



Alla għal dak li kien għamel magħhom fl-Eġittu u kif kien ħelishom mill-jasar tal-Fargħun naqraw: "Imbagħad emmnu fi kliemu, u għana ta' tifħir għannewlu" (Salm 106,12).

Fis-Salm 119 insibu bosta referenzi għall-fiduċja tas-Salmista fil-kelma ta' Alla. Fil-v.42 is-Salmista b'ton ta' persważjoni jistqarr: "Imbagħad nagħti tweġiba lil min jgħajjarni, għax jien nafda fil-kelma tiegħek." Hekk ukoll fil-v.74 huwa jkompli b'dan it-ton ta' tifħir: "Jarani u jifraħ min għandu l-biża' tiegħek, għax jiena ttamajt fil-kelma tiegħek." Din il-litanija ta' fiduċja fil-kelma ta' Alla tkompli tidher fil-v.81 meta s-Salmista jistqarr: "Ninfena bix-xewqa tas-salvazzjoni tiegħek; jien nittama fil-kelma tiegħek." Fil-v.114, imbagħad, naqraw: "Inti l-kenn u t-tarka tiegħi; fil-kelma tiegħek jien nittama", filwaqt li fil-v.147 insibu dan il-kliem: "Sa minn qabel is-sebħ nitlob l-għajnuna; u fi kliemek jien nittama."



## Il-Kelma ta' Alla titlob tweġiba

Mhuwiex biżżejjed li l-Mulej Alla jitkellem u jikkomunika r-rieda tiegħu. Il-Kelma ta' Alla titlob tweġiba min-naħa tal-bniedem. Hekk, meta Alla għamel Patt mal-poplu tiegħu taħt is-Sinaj, il-poplu kollu wieġeb b'ton solenni u stqarr: "Kulma qalilna l-Mulej nagħmluh, u nisimgħu minnu" (Eżod 24,7). Hekk twieġeb ukoll Marija għall-kliem li waslilha l-anġlu Gabriel: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skont kelmtek" (Lq 1,38), f'kuntrast ma' Żakkarija li ddubita quddiem il-kelma mwassla lilu mill-istess messaġġier ta' Alla li qal lil Żakkarija: "U issa, talli int ma emmintx kliemi, li għad iseħħ meta jasal il-waqt, ara, int tibqa' mbikkem u ma tkunx tista' titkellem sa dakinhar li jiġri kull ma ħabbartlek" (v.20).

It-Testment il-Qadim hu miżgħud b'eżempji li fihom naraw kif it-tweġiba għall-Kelma ta' Alla mhux dejjem kienet tweġiba pożittiva min-naħa tal-poplu tiegħu. Fil-bidu tal-ktieb ta' Eżekjel naqraw kif Alla kellem lill-profeta u bagħtu għand ulied Iżrael biex jgħidilhom kliemu, imma fl-istess ħin il-Mulej Alla jfakkar lill-profeta li dawn "huma nies ta' rashom iebsa" (Eżek 2,7). Il-Profeta Ġeremija imwerwer quddiem is-sejħa li jagħmillu Alla għax għaraf li kien għadu żgħir wisq biex iwettaq din il-missjoni, jirċievi kelma ta' twissija:

"Tgħidx, 'Għadni żgħir.' Inti tmur kull fejn nibagħtek, u tgħid kulma nordnalek" (Ġer 1,7).

Il-profeta Żakkarija juri kif il-kelma tal-Mulej ġiet imwarrba mill-poplu meta jikteb: "Iżda huma ma ridux jagħtu widen, tawni daharhom, saddew widnejhom li ma jmorrux jisimgħu, u webbsu qalbhom daqs id-djamant biex ma jobdux il-liġi u l-kelma tal-Mulej tal-eżerċti" (Żak 7,11-12).

Bi kliem tassew qawwi, il-profeta Ġeremija jurina wkoll ir-reżistenza li sabet il-kelma tal-Mulej, meta jgħid: "Lil min se nkellem? Lil min inwiddeb li jismagħni? Bla ħtin widnejhom, u ma jistgħux jisimgħu. Araw, il-kelma tal-Mulej żebliħ għalihom, gost biha ma jeħdux!" (Ġer 6,10).

Quddiem atteġġjament daqshekk negattiv min-naħa tal-poplu, il-profeta Amos jikteb: "Ara, għad jiġi żmien, oraklu ta' Sidi l-Mulej, meta nibgħat il-ġuħ fl-art; mhux il-ġuħ tal-ħobż, lanqas l-għatx għall-ilma, iżda għas-smigħ tal-kelma tal-Mulej" (Amos 8,11). B'dan il-kliem qawwi, il-Profeta jhedded lill-poplu ta' Alla wara li dan l-istess poplu kien sadd widnejh u għalaq qalbu għall-Kelma ta' Alla imwassla lilu mill-profeta. Il-Mulej Alla kien se jċaħħad lill-poplu tiegħu mill-Kelma tiegħu. Dan il-poplu kien se jagħmel esperjenza tal-ġuħ u l-għatx ta' din l-istess kelma li kienet ser tgħib minn ġo nofsu! Iżda, x'seta' jagħmel il-poplu ta' Alla mingħajr il-gwida tal-Kelma tal-Mulej?

## Kelma li għandha l-qawwa li toħloq

L-Iskrittura tiftaħ fuq nota li tlaqqagħna direttament mal-Kelma ta' Alla. Din id-darba din hija kelma li toħloq. Alla jtenni kelma, u l-kelma ssir dak li Alla stess ikun qal: "U qal Alla: 'Ħa jkun id-dawl.' U d-dawl sar" (Ġen 1,3). Jekk inkomplu naqraw dan l-ewwel Kapitlu tal-ewwel ktieb tal-Iskrittura naraw kif l-awtur sagru jagħmel użu kontinwu minn dan l-istess lingwaġġ biex jurina kif il-ħolqien huwa kollu kemm hu frott tal-kelma setgħana ta' Alla.

Huwa għalhekk li s-Salmista jfaħħar lil Alla meta jgħid: "Bil-kelma tal-Mulej saru s-smewwiet, u b'nifs fommu t-tiżjin kollu tagħhom … Ħa tibża' mill-Mulej l-art kollha, għax hu tkellem, u hi saret; hu ordna, u hi twaqqfet" (Salm 33,6.8-9). Hekk ukoll fis-Salm 148, is-Salmista jistieden lill-ħolqien biex jingħaqad fit-tifħir lil Alla: "Faħħruh, smewwiet l-aktar għolja, u intom ilmijiet ta' fuq is-smewwiet! Ħa jfaħħru dawn kollha isem il-Mulej: għax hu kkmanda, u huma nħolqu" (vv 4-5).

Din l-idea titkompla fil-paġni tat-Testment il-Ġdid permezz ta' Ġesù, il-mibgħut tal-Missier. Dan jidher b'mod speċjali fil-mirakli li Ġesù jwettaq u li permezz tagħhom ried jirrestawra s-sbuħija tal-ħolqien permezz tal-kelma setgħana tiegħu. Lir-raġel bi spirtu ħażin, Ġesù jordnalu "Iskot u oħroġ minnu" (Mk 1,25) u hekk sar. Għat-talba tar-raġel lebbruż biex jiġi mfejjaq, Ġesù jwieġeb: "Irrid, kun imnaddaf" (Mk 1,41). Lir-raġel b'idu niexfa, Ġesù jordnalu: "Midd idek" (Mk 3,5) u idu reġgħet ġiet f'saħħitha. Lir-riħ qawwi li hedded lid-dgħajsa tal-appostli, Ġesù jordnalu: "'Iskot! Biżżejjed!' U r-riħ waqaf u waqgħet kalma kbira" (Mk 4,39).

Dawn l-episodji nkitbu għalina, sabiex aħna u naqrawhom nerġgħu inlaħħmu din il-Kelma fil-ħajja tagħna. Alla huwa tassew ħaj fil-kelma tiegħu. Tassew l-espressjoni li ngħidu fil-bidu tal-qari tal-Evanġelju 'f'dak iż-żmien' issir 'illum' aħna u naqraw din il-kelma. Hekk jurina San Luqa meta jirrakkonta l-ġrajja ta' Ġesù f'jum is-Sibt meta daħal fis-Sinagoga ta' Nazaret u beda jaqra mill-profeta Isaija. "Din il-kelma seħħet illum, intom u tisimgħu" (Lq 4,21). Hekk jiġri fil-ħajja tagħna jekk nersqu lejn din il-kelma mhux bħala kelma ta' bniedem, iżda bħala kelma ta' Alla bħalma tassew hi!

## Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




## ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

## Tiġdid
## L-Art Imqaddsa
## 2014

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali

____________________

Qed nibgħat € ____
bħal abbonament għall-2014

# Fl-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

## Pellegrinaġġi **2014**

**Art Imqaddsa**
**16 Lulju - 24 Lulju**
**6 Awwissu - 14 Awwissu**

**Art Imqaddsa u Sinaj**
**3 Novembru - 13 Novembru**

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt